23 OCT 1989

# IL-PULIZIJA




*Vol. 7, No. 10*

# Tant 'il bogħod...



# ...iżda daqstant viċin.

Qrabatek u l-ħbieb, barra minn Malta mhumiex daqstant bogħod, meta tista' tkellimhom bit-telefon kull meta trid, x'ħin trid. U meta ċċempel lil qrabatek wara d-9 ta' filgħaxija tiffranka 25%. F'kelma waħda tista' tkellem lil qrabatek 25% aktar minn telefonata normali.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Alġerija** | **0213** | **Ġermanja (Punent)** | **049** | **Spanja** | **034** |
| **Awstrija** | **043** | **Greċja** | **030** | **Svizzera** | **041** |
| **Belġju** | **032** | **Olanda** | **031** | **Renju Unit** | **044** |
| **Danimarka** | **045** | **Italja** | **039** | **U.S.A.** | **01** |
| **Franza** | **033** | | | | |

Tinsiex, tiffranka 25% meta ċċempel bejn id-9 ta' filgħaxija u t-8 ta' filgħodu bejn it-Tnejn u s-Sibt u l-Ħadd il-jum kollu.

telemalta corporation

**Telefonati bl-assistenza ta' l-Operator (Numru ġdid) 194**

IL-PULIZIJA



Vol. 7, No. 10

Ritratt tal-kopertina juri l-cake maħdum għall-okkażjoni tal-kommemorazzjoni tal-175 sena mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.


Vol. 7 No. 10

LULJU/AWISSU 1989

ORGANU TAL-PULIZIJA

Editur: P.C. 512 Martin Ellul
Bord Editorjali:
President: Spettur J. Agius.
Membri: Surġent 1350 J. Borda; P.C. 110 M. Bayliss; Spettur P.P. Zammit; Surġent 200 B. Calleja.

***Ritratt tal-kopertina meħud minn***

**P.C. 720 A. BORG**


## ABBONA F'"IL-PULIZIJA"

Lm1.50 fis-sena tista' tabbona u tirċievi "Il-Pulizija" d-dar bil-posta.

Abbonamenti għandhom isiru fil-Librerija tal-Pulizija, Kwartieri Ġenerali tal-Pulzija, Furjana.


Stampat fil-Union Press


# Il-Pulizija

## F'DIN IL-ĦARĠA


**Editorjal** ........ 2
**Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija** ........ 3/4
**Talba għall-Membri tal-Korp** ........ 4
**Deskrizzjoni tal-Bandiera u Emblema tal-Korp tal-Pulizija** ........ 5
**Messaġġ mill-Kummissarju tal-Korp fl-okkażjoni tal-175 Sena mit-Twaqqif tal-Korp** ........ 6
**Poeżija dedikata lill-Korp f'għeluq il-175 Sena tal-Korp** ........ 6
**Rapport ta' l-attivitajiet li saru f'għeluq il-175 sena mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta** ........ 7-15
**Clay Pigeon Competition** ........ 16
**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti** ........ 17-20
**Wirja kbira mis-'Silent Drill Team'** ........ 21
**Attivitajiet mill-Entertainment Committee tal-Korp tal-Pulizija** ........ 22/23
**Omelija li saret fil-Kattidral ta' Għawdex waqt il-Konċelebrazzjoni ta' Tifkira** ........ 24/27
**Bird Show at Police Headquarters** ........ 25/26/27
**Sports Activities 12th July 1989** ........ 28
**Outlines of Postal History** ........ 29
**Il-Pulizija u l-Eżerċizzji Fiżiċi** ........ 30/31
**Self Defence – Unarmed Combat** ........ 32/33/34

## Editorjal

# PENSJONI WARA 25 SENA SERVIZZ U ĦLAS GĦAS-SIEGĦAT ŻEJDA GĦALL-MEMBRI TAL-KORP

*Bħal ma jaf kulħadd, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta iċċelebra l-175 sena mit-twelid tiegħu proprju din is-sena eżattament fit-12 ta' Lulju, 1814-1989.*

*Għat-tieni sena konsekuttiva, din il-ġurnata hekk storika, ġiet festiġġjata bl-aktar mod kbir, fejn il-pubbliku kellu ċ-ċans li jersaq aktar viċin u jara mill-qrib il-Korp tal-Pulizija ta' Malta u b'hekk tinkiseb aktar fiduċja f'dan il-Korp.*

*Biex jiftakar dan il-jum il-Korp tal-Pulizija ħadem programm ta' attivitajiet ta' l-okkażjoni li ġew iċċelebrati kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.*

*Din il-ġurnata ser tibqa' mfakkra, mhux biss għal anniversarju tal-175 sena, imma aktar u aktar għar-riformi mħabbra mill-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, il-Professur Guido Demarco waqt id-diskors li għamel fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sala Manoel De Vilhena fid-Depot tal-Pulizija. Fost ħwejjeġ oħra ġew imsemmija li l-Pulizija ser ikollu d-dritt għal pensjoni wara 25 sena servizz; u ħlas għas-siegħat żejda li jinħadmu.*

*Ir-riformi mħabbra ġew milqugħa tajjeb ħafna mill-membri tal-Korp kif ukoll mill-pubbliku inġenerali, li kienu ilhom jinħassu għal bosta snin.*

*Aħna ċerti li b'dawn ir-riformi u bir-rijorganizzazzjoni ser ikun hemm aktar individwi mħajra li jidħlu fil-Korp u aktar xogħol fejjiedi minn naħa tal-Membri lejn il-Kommunità Maltija.*

*L-appell tagħna jmur għall-membri tal-Korp biex qatt ma jinsew Jum il-Pulizija biex bħal ma ġie mfakkar f'dawn l-aħħar snin jibqa' jiġi mfakkar fil-futur sena wara oħra.*

# MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

**Rapport mis-Segretarju P.S. 649 M. Saliba**

• Din is-sena li taħbat il-175 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta jibqa' mfakkar għalina l-membri tal-Korp peress li kien il-bidu ta' serje ta' tibdiliet fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-istess membri tal-Korp fejn l-Assoċjazzjoni ilha s-snin tinsisti dwarhom.

Kien bl-insistenza ta' l-istess Assoċjazzjoni li dawn issa bdew jiġu attwati iżda ma nkunx prudenti jekk ma nsemmix il-mod li bih mexxa l-parti min-naħa tal-Gvern fejn il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja l-Professur Guido Demarco wera interess kbir waqt it-taħditiet u wera ħeġġa kbira sabiex il-Pulizija jaslu li jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa. Aħna li min-naħa tagħna nsistejna bl-aktar mod sod rigward it-talbiet tagħna qatt ma qagħdna lura milli ntennu li l-Korp tal-Pulizija għandu jagħti lill-pajjiż l-aħjar servizz li l-komunità tistenna mingħandna. Bil-mod li bih tmexxew it-taħditiet s'issa dejjem intweriet rieda tajba miż-żewġ naħat.

Bil-ftehim li ntlaħaq s'issa se jgawdu apparti l-Membri preżenti tal-Korp sejrin ukoll jibbenefikaw il-membri pensjonanti li aħna wkoll insostnu li dawn kienu taw sehemhom lis-Soċjetà u għaldaqstant m'għandhomx jibqgħu imċaħħda minn dawk id-drittijiet li kienu ħadmu għalihom. Hu ta' sodisfazzjon għalina li ninnotaw li anke l-pubbliku in ġenerali laqa' b'sodisfazzjon dan it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna.

Għall-ewwel darba minn kemm ilu mwaqqaf il-Korp tal-Pulizija se jibda jiġi mħallas b'rata ta' "overtime" għas-sigħat żejda li minn żmien għal ieħor ikollu jaħdem. Dan kif kulħadd jaf għalkemm bħala sigħat ta' xogħol naħdmu ħafna aktar min-normal anke bħala bażi fin-normal naħdmu aktar mill-erbgħin siegħa stabbilita għal ħaddiema oħra, konna niġu kkompensati meta s-servizz ikun jippermetti u dan aktar ma jkunx jippermetti milli iva bis-sistema tat-Time Off in Lieu. Issa se tibda ssir ġustizzja ma' kulħadd għaliex issa se nitħallsu għas-sigħat żejda li nagħmlu.

Fuq dan is-suġġett hemm bżonn il-koperazzjoni tad-Detail Officers billi dawn iżommu 'records' sew tas-sigħat li kull wieħed jaħdem mingħajr ebda distinzjoni u abbuż, mhux bħal ma ġara sentejn u nofs ilu meta kwantità ta' sigħat żejda baqgħu sal-lum ma ġewx irreġistrati, dan kien irrepeta ruħu xi sena ilu meta l-membri tal-Korp kienu ħadmu ħafna sigħat żejda meta kien hawn il-kwistjoni ta' l-Ark Royal. Dawn is-sigħat żejda ħafna minnhom baqgħu sal-lum mhumiex 'recorded'.

Din is-sena wkoll il-Pulizija ra tibdil fl-Uniformi tas-Sajf. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li din għandha tinbidel. Kienu d-diversi attentati li saru qabel sabiex jinstab id-disinn addattat għall-Korp tal-Pulizija ta' Malta iżda dejjem kien ikun hemm xi ntopp li ħallewna b'dak il-karkir li dejjem ifakkrek fiż-żminijiet kolonjali. Illum l-Uniformi l-ġdida tas-Sajf hi waħda attrajenti u tixraq ħafna lid-dehra ta' kif għandhom ikunu l-Pulizija f'għajnejn il-pubbliku speċjalment issa li Malta m'għadhiex magħluqa fiha nfisha meta qiegħda tospita dawk l-eluf ta' turisti mid-dinja kollha li jiġu jżuruna.

L-Assoċjazzjoni tixtieq twassal id-diżapprovazzjoni tagħha li matul l-attivitajiet li saru f'egħluq il-175 mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ma ġietx mistiedna uffiċjalment mill-Kumitat imwaqqaf apposta fid-diversi funzjonijiet li saru, dan jirrifletti wkoll għan-nuqqas ta' parteċipazzjoni min-naħa tal-kumplament tal-membri tal-Korp għaliex jekk wieħed iqis ċerti attivitajiet li normalment ikunu popolari mal-membri tagħna kif ukoll mal-pensjonanti dawn kienu diffiċli sabiex jintlaħqu mill-maġġoranza tal-membri.

Qiegħed ukoll nirreferi għal dawk l-ex membri li fl-imgħoddi kienu weġġgħu waqt il-qadi ta' dmirhom u b'hekk ma setgħux ikomplu jservu fil-Korp tal-Pulizija dawn ġew minsija kompletament. Hemm bżonn li nibqgħu niftakru fi sħabna li ma kellhomx ix-xorti jibqgħu jagħtu sehemhom lill-komunità fi ħdan il-Korp sabiex nibqgħu niftakru fihom u ma nwarrbuhomx.

## OTHER RANKS CANTEEN

Fi ftit taż-żmien ieħor għandu jiġi inawgurat Canteen ġdid fid-Depot tal-Pulizija, il-Furjana għall-membri tal-Korp. Tajjeb li wieħed isemmi x'jistennew il-membri tagħna mill-Canteen tagħhom, fost kollox servizz, għażla ta' prodotti, u fuq kollox prezzijiet kompetittivi u fejn jista' jkun hemm sussidju. Din mhix xi ħaġa mpossibbli għaliex il-Canteen għandu l-vantaġġ li m'għandux spejjeż ta' kera, dawl, u pagi ta' ħaddiema.

Il-Mess għandu jieħu aktar ħsieb ta' dawk il-membri li jkunu 'reinforcement duty' u b'kordinament ma' min jordna r-rinfors jista' jipprepara snacks prattiċi fejn ikun meħtieġ. Trid tispiċċa d-differenza fi ħdan il-Korp li sezzjoni tiġi servuta minn 'mess' waqt li sezzjoni oħra li wkoll tkun duty għaliex taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-'mess' tad-Depot tibqa' tixxennaq. B'aktar organizzazzjoni u serjetà nistgħu innaqqsu ħafna mit-tbatija żejda li kull tant inħossu waqt ċerti ordnar u commitments.

## IL-MAGAZINE 'IL-PULIZIJA'

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija mhix kuntenta bid-dewmien li qiegħed jiġi ppubblikat il-Magazine. Dan suppost li joħroġ kull xagħrejn iżda qiegħed jgħaddi ħafna żmien aktar bil-konseg-

## MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

wenza li ġieli ħareġ darba f'erbgħa xhur. Nappella lill-Editorial Board sabiex jagħmel ħiltu kollha sabiex il-Magazine jibda joħroġ fil-ħin.

Qegħdin nagħmlu sforz ukoll sabiex il-Magazine jirċevuh il-membri kollha, s'issa sar titjib sostanzjali għaliex fl-aħħar ħarġa kważi kulħadd irċieva l-Magazine id-dar iżda kien hemm xi wħud li għal xi raġuni jew oħra baqgħu ma rċievuhx. Nappella lil dawk li mhux qegħdin jirċevuh id-dar bil-posta sabiex javviċinawni u b'hekk inkun nista' nirranġa s-sitwazzjoni.

Fl-aħħar nixtieq li nirringrazzja lil kull min għen sabiex l-Assoċjazzjoni rnexxielha tasal fi ftehim mal-Gvern dwar id-diversi punti li diġà ktibna dwarhom aktar 'il fuq u fuq aktar punti li bħalissa hemm aktar diskussjonijiet. Nixtieq insemmi l-ewwel lill-Kummissarju tal-Pulizija is-Sur Alfred Calleja għal għajnuna u l-appoġġ li huwa dejjem tagħna, nixtieq ukoll insemmi lill-Adjutant is-Sur J.C. Gauci fejn dejjem sibnieh ta' għajnuna kull meta kellna bżonnu.

Inkun qiegħed nonqos jekk ma nsemmix lil sħabi tal-Kumitat li taw sehemhom fid-diskussjonijiet li kellna u għar-rieda soda li lkoll urew fil-linja li ħadna fit-talbiet tagħna. Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lil sħabna l-membri kollha tal-Korp għall-appoġġ li dawn kellhom fina.

Nappella lill-membri kollha tal-Korp sabiex nibqgħu lejali lejn il-ġurament li ħadna meta aħna bdejna bħala membri tal-Korp sabiex nibqgħu nagħmlu dmirna lejn il-komunità u fejn nistgħu ntejbu is-servizz tagħna b'aktar effiċjenza bil-għan li nkunu nistgħu nsibu aktar ir-rispett tal-Pubbliku fejn jiena ċert li dan ikun jista' jifhem id-diffikultajiet tagħna sabiex inkunu nistgħu nwettqu dak li bi dritt ikun qiegħed jistenna minnha. Aħna min-naħa tagħna b'wiċċna minn quddiem nibqgħu ninsistu għal aktar titjib fil-kundizzjoni tax-xogħol tagħna.

# TALBA GĦALL-KORP TAL-PULIZIJA

Min jekk mhux Int, Mulej, jista' jħarisna,
mill-qerq u l-ħażen ta' ulied id-dlam?
F'Idejk kull ordni, Inti biss teħlisna
minn kull min waqa' fl-hemm u qatt ma qam.

Int slift Dirgħajk lil ftit qaddejja ħbiebek,
biex jaħfru f'Ismek l-għajb tal-midinbin:
għamilt oħrajn għassiesa wara biebek,
biex jgħassu l-ġid li qsamt ma' tant bnedmin.

Issokta ħares lejna b'riżq is-sewwa,
li ħlifna li nħarsulek b'ħaqq u sliem:
għallimna nħobbu x-xogħ'l 'il bogħod mid-dnewwa:
min jaqdi Lilek hu l-aħjar bniedem!

Għaddew ġa mija-w-ħamsa-w-sebgħin sena,
li fihom taw ħajjithom tant mijiet:
Aħfirlu kull nuqqas dal-Korp li nbena,
biex f'Malta ma jkunx hawn saltna ta' nwkiet.

16/5/89 **Amante Buontempo.**

**DESKRIZZJONI TAL-BANDIERA TAL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA**

**Il-Bandiera tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta hi ta' kulur ikħal skur, li f'nofsha hemm rappreżentazzjoni ta' l-Emblema tal-Korp tal-Pulizija, li għandha l-motto, "DOMINE DIRIGE NOS".**

*The Flag of the Malta Police Force is coloured Royal Blue, representing the Malta Police Emblem in the centre, which has the motto, "DOMINE DIRIGE NOS".*







**DESKRIZZJONI TA' L-EMBLEMA TAL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA**

**L-Emblema tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, li hi ta' metall abjad, tirrappreżenta s-Salib abjad ta' l-Ordni ta' San Ġwann bi tmien ponot, li fin-nofs tiegħu nsibu Tarka li fiha t-tradizzjonali Emblema ta' Malta bil-kuluri nazzjonali, l-Abjad u l-Aħmar, li tinstab imdawra b'żewġ ċrieki li jirrappreżentaw "iċ-Ċinturin u l-Bokkla", simbolu tal-Pulizija, li qegħdin fil-parti t'isfel taċ-ċrieki, filwaqt li fil-parti ta' fuq insibu l-kliem bil-Malti, "PULIZIJA TA' MALTA". Din l-Emblema, li tistrieħ fuq skroll, li fih il-motto tal-Korp: "DOMINE DIRIGE NOS", għandha tliet qisien differenti magħrufa bħala: "Collar Badge; Cap Badge u Helmet Badge, u din ta' l-aħħar għandha gost artistiku fir-riġel ta' l-emblema biex jgħaniha.**

*The Malta Police Force has a white metal Emblem, representing the white Eight Pointed Cross of the Order of St. John, superimposed by a Shield with the traditionally Malta Emblem and the National Colours, White and Red, inside two circles forming the Police Symbol, "Belt and Buckle", at the lower part and at the upper part the words in Maltese, "PULIZIJA TA' MALTA". This emblem, which rests on a curved scroll with the motto, "DOMINE DIRIGE NOS", has three different sizes known as: Collar Badge, Cap Badge and Helmet Badge, which has an embellishing design at the legs.*





# Messaġġ mill-Kummissarju

*Għaddew mija u ħamsa u sebgħin sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija fit-12 ta' Lulju 1814; snin li matulhom l-istorja tal-Korp ntisġet flimkien ma' dik tal-poplu Malti.*

*Matul dawn is-snin il-Korp daq it-taqtiegħ il-qalb, in-niket u l-ferħ li għadda minnhom pajjiżna. Kienu snin li fihom il-poplu daq l-imrar tal-gwerer, it-tbatijiet tal-mard u l-ġuħ, u l-ferħ tal-glorja. Kienu snin ta' taqlib politiku kbir; snin li fihom il-Maltin tqabdu għall-jeddijiet politiċi tagħhom. Kienu snin ta' tibdil soċjo-ekonomiku li raw lil Malta tibdel l-orjentazzjoni ekonomika tagħha. L-istorja tal-Korp tal-Pulizija hija xhieda ta' dan it-tibdil kollu. Għaliex mal-medda taż-żmien il-Korp qasam mal-poplu Malti ġrajjiet artna.*

*U għalhekk illum f'dan l-anniversarju rridu nkomplu nġeddu r-rabta tal-Korp mal-poplu. Rabta li l-qofol tagħha jissarraf fis-servizz li l-Pulizija tagħti lill-poplu kollu. Servizz li nixtiequ naraw jitjieb u jissaħħaħ b'riżq il-komunità. Għal dan il-għan lesti li naħdmu b'impenn sħiħ.*

*Għaldaqshekk l-attivitajiet f'dan il-programm għandhom l-iskop li jġeddu r-rabta tal-Korp mal-poplu; rabta li nixtiequ li tissarraf f'ġid lis-soċjetà. B'dan l-attivitajiet il-korp mhux biss jixtieq imur għand il-poplu, iżda qiegħed jistieden u jilqa' lill-poplu f'daru. B'hekk bil-għajnuna t'Alla u tagħkom il-ħbiberija bejn il-pulizija u l-poplu titkattar għall-ġid ta' kulħadd.*

ALFRED CALLEJA
*Kummissarju*

# F'għeluq il-175 sena mit-twaqqif tiegħu

## 1814 -1989

**Ħfief għaddew mija u ħamsa u sebgħin sena**
**Li mal-ħarba tagħhom, minn xitla żgħira**
**Imsoqqija bl-għaraq ta' nies qalbiena**
**Il-Korp kiber b'saħħtu li jġiblek l-għira.**

**Bħar-ragħad iċ-ċapċip beda jinstema'**
**Jidwi, qawwi bil-ferħ f'kull qalb Maltija,**
**Fil-jum tassew sabiħ tat-TNAX TA' LULJU**
**Meta twaqqaf il-Korp tal-Pulizija.**

**Ħadt gost lilkom nara f'dik il-parata**
**Indaf, fil-belt b'dik l-uniformi tagħkom**
**Dritti, b'mixi meqjus mad-daqq tal-banda**
**Wirja sbejħa tajtu lil kull min rakom.**

**Ġibt quddiem għajnejja f'dak il-ħin magħkom**
**Hekk ferrieħi għaddej l-għażiż missieri,**
**Kburi fil-parata ġol belt Valletta,**
**Belt li ġiet mibnija mill-Kavallieri.**

**Issellimlek Malta għax bik kburija,**
**Korp ta' ħila, għaqli li jħobb il-ħarsien;**
**Barka fuqek jixħet u fuq dil-Gżira,**
**Alla tagħna ħanin, matulek ja żmien.**

**24-7-89**

**Rev. M.A. Mercieca**
**(Bin ex-Surġent tal-Pulizija)**

# Programm ta' Attivitajiet li saru fl-Okkażjoni tal-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta – 12 ta' Lulju – 1814/1989

**Fl-ewwel jumejn tax-xahar ta' Lulju saru żjarat lill-morda u anzjani membri u ex-membri tal-Korp tal-Pulizija Għawdxin. Dawn iż-żjarat saru minn membri tal-Korp u ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti.**

Iċ-ċelebrazzjonijiet bdew nhar l-ewwel ta' Lulju 1989 fl-10 ta' filgħodu meta saret Parata li bdiet minn Pjazza Sabina għal triq ir-Repubblika sa Pjazza San Franġisk, ir-Rabat mill-banda tal-A.F.M. u mill-kontinġent tas-Silent Drill team tal-Korp tal-Pulizija. Saret ukoll display fi pjazza San Franġisk.

Għal din il-parata attendew fost oħrajn l-Onor Anton Tabone M.P. Ministru għal Għawdex u l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja.



L-Onor. Ministru Dr. Anton Tabone, dieħel għall-Quddiesa Kommemorattiva fil-Kattidral ta' Għawdex

## Il-Ħadd 2 ta' Lulju

Fl-10.30 ta' filgħodu saret quddiesa fil-Knisja Kattidrali ta' Għawdex, konċelebrata b'ringrazzjament immexxija mill-Wisq Rev. Mons. Giovanni Bosco Gauci, Arċidjaknu tal-





Dehra tal-kongregazzjoni fil-Kattidral ta' Għawdex waqt il-Quddiesa kommemorattiva

# Programm ta' Attivitajiet li saru fl-okkażjoni tal-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta – 12 ta' Lulju – 1814/1989

Kattidral, delegat ta' l-Eċċ. Tiegħu Rev. l-Isqof ta' Għawdex, mgħejjun minn saċerdoti oħrajn.

Fil-11.30 a.m. fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex, sar kxif ta' rħama kommemorattiva mill-Onor Anton Tabone fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-Lapida ġiet imbierka minn Dun Manuel Curmi, Kappillan tal-Pulizija għal Għawdex. Wara sar riċeviment żgħir fl-istess Għassa tal-Pulizija. Bejn is-6 u t-8 ta' fil-għaxija saret 'Open Day' fl-Għassa tar-Rabat Għawdex fejn il-pubbliku kien mistieden jieħu sehem.

Matul dawn il-ħmistax il-ġurnata jiġifieri bejn it-3 u s-16 ta' Lulju 1989 saru żjarat lill-morda u anzjani membri u ex-membri tal-Korp tal-Pulizija Maltin. Bħal ma sar f'Għawdex dawn iż-żjarat saru minn membri tal-Korp u minn membri ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti.

## It-Tnejn 3 ta' Lulju

Saret 'Open Day' fl-Għassa tal-Pulizija ta' Bormla bejn is-6 u t-8 ta' filgħaxija fejn il-pubbliku ġie mistieden biex jattendi.

## It-Tlieta 4 ta' Lulju

Fit-8.30 ta' fil-għodu grupp ta' membri tal-Korp tal-Pulizija u ex-Membri mill-Għaqda tal-Pensjonanti marru fl-Isptar San Luqa fejn saret donazzjoni ta' demm. Bejn is-6 u t-8 ta' filgħaxija saret 'open day' fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi.

## L-Erbgħa 5 ta' Lulju

Fil-għodu komplew iż-żjarat lill-morda u lill-anzjani fejn fil-għaxija bejn is-6 u t-8 saret 'open day' fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun.



Mons. G. Gauci, waqt l-omelija fil-Quddiesa kommemorattiva

## Il-Ħamis 6 ta' Lulju

Tkomplew iż-żjajjar lill-morda u l-anzjani. Bejn is-6 u t-8 p.m. saret 'open day' fl-Għassa tal-Pulizija ta' B'Kara.

## Il-Ġimgħa 7 ta' Lulju

Filgħodu tkomplew isiru żjarat lill-morda u anzjani, saret ukoll it-tieni donazzjoni ta' demm minn membri tal-Korp tal-Pulizija u ex-membri ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti fl-Isptar San Luqa. Fil-għaxija saret 'open day' fl-Għassa tal-Pulizija ta' Buġibba bejn is-6 u t-8 p.m.

## Il-Ħadd 9 ta' Lulju

Fid-9 ta' filgħodu saret quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata ikkonċelebrata mill-Kappillan tal-Pulizija b'suffraġju tal-Pulizija u l-familjari tagħhom. Wara l-quddiesa saret parata minn kontinġent tal-Pulizija għal fuq l-Oqbra tal-Pulizija fl-istess ċimiterju fejn sar talb ta' l-okkażjoni u tqegħid ta' kuruni mill-Onor. Prof. G. Demarco

Waqt il-Quddiesa 'De Requiem' fil-kappella taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata



LLD MP, Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, mis-Sur Alfred Calleja, Kummissarju tal-Pulizija, mis-Sur A.M. Tommasi Kmandant ta' l-Akkademja tal-Pulizija, Eddie Theuma 1/SM għan-nom ta' l-Other Ranks, Assoċjazzjoni tal-Pulizija, l-Għaqda Pulizija Pensjonanti u mill-Għaqda tal-Pulizija fergħa ta' Malta (I.P.A.) u minn familjari oħra.

# Programm ta' Attivitajiet li saru fl-okkażjoni tal-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta – 12 ta' Lulju – 1814/1989



Il-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija waqt iċ- ċerimonja ta' Tifkira



Il-Viċi Prim Ministru, Ministru ta' l-Intern u Gustizzja, il-Profs. Guido Demarco, flimkien ma' Uffiċjali Għolja tal-Korp waqt iċ-ċerimonja ta' Tifkira fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.



Gwardja ta' l-Unur magħmula minn membri tal-Korp fuq l-oqbra ta' l-ex membri tal-Korp tal-Pulizija

# Programm ta' Attivitajiet li saru fl-okkażjoni tal-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta – 12 ta' Lulju – 1814/1989



Il-Viċi Prim Ministru, Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja l-Profs. Guido Demarco, iqiegħed kuruna fuq il-Monument ta' l-oqbra tal-Korp tal-Pulizija fl-Addolorata



Il-Kummissarju s-Sur Alfred Calleja iqiegħed kuruna mal-Monument ta' l-ex membri tal-Korp fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata



Il-kuruni li tqegħdu mal-Monument waqt iċ-ċerimonja ta' Tifkira

Fil-11 ta' filgħodu sar il-ftuħ uffiċjali ta' esebizzjoni ta' hobbies organizzata minn membri u ex-membri tal-Korp mill-Kummissarju tal-Pulizija. Din damet miftuħa sa nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju 1989. Ġew ippreżentati ċertifikati ta' parteċipazzjoni lil kull membru li ħa sehem mill-Kummissarju tal-Pulizija.



Dehra ġenerali tas-sala fejn saret il-wirja ta' Hobbies minn membri u ex-membri tal-Korp tal-Pulizija

# Programm ta' Attivitajiet li saru fl-okkażjoni tal-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta – 12 ta' Lulju – 1814/1989



Il-Prim Ministru ta' Malta, l-Onor. Eddie Fenech Adami, jikxef irħama kommemorattiva fid-daħla tal-Kwartieri Ġenerali tal-Korp tal-Pulizija fil-Furjana, fl-okkażjoni tal-175 sena mit-twaqqif tal-Korp

## It-Tnejn 10 ta' Lulju

Tkomplew iż-żjarat lill-morda u anzjani. Filgħodu wkoll saret il-finali tal-kompetizzjoni tad-darts li saret għall-membri tal-Korp. Fil-għaxija bejn is-6 u t-8 p.m. saret 'open day' fl-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun.

## It-Tlieta 11 ta' Lulju 1989

Tkomplew iż-żjarat lill-morda u anzjani. Filgħodu wkoll bejn l-10 u nofs inhar saret 'open day' fl-Akkademja tal-Pulizija St Elmo. Bejn is-6 u 8 ta' fil-għaxija saret 'open day' fl-Għassa tal-Pulizija, Valletta.

## L-Erbgħa 12 ta' Lulju

### JUM IL-PULIZIJA

Fl-10 ta' filgħodu bdiet defile ta' diversi sezzjonijiet tal-Korp li bdiet minn ħdejn il-Monument ta' Kristu Re għal pjazza San Ġorġ. Wara d-defile daħlet il-Banda tal-Forzi Armati akkompanjata mis-'Silent Drill Team' tal-Korp tal-Pulizija fejn taw



Il-Viċi Prim Ministru, Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, il-Profs. Guido Demarco jikxef irħama kommemorattiva li tfakkar il-Ftuħ Uffiċjali tas-Sala Manoel De Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali tal-K orp tal-Pulizija fil-Furjana

# Programm ta' Attivitajiet li saru fl-okkażjoni tal-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta – 12 ta' Lulju – 1814/1989

Dehra ġenerali tas-sala Manoel De Vilhena



'salute' lill-President tar-Repubblika Ċensu Tabone. F'nofs inhar sar kxif ta' rħama kommemorativa li tfakkar l-okkażjoni tal-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp. Wara sar il-ftuħ uffiċjali tas-sala 'Manoel de Vilhena' mill-Onor. Prof. Guido Demarco, iċ-ċerimonja tat-tberik sar mill-Kappillan tal-Pulizija.

Fis-7 p.m. fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann saret quddiesa konċelebrata solenni ta' ringrazzjament, ċelebrata mill-Eċċ. tiegħu Rev. Mons. Giuseppi Mercieca, Arċisqof Metropolita ta' Malta. F'din il-quddiesa, minbarra l-Kapitlu tal-Kattidral ħadu sehem ma' l-Arċisqof, bosta saċerdoti li huma wlied/aħwa ta' membri u jew ex-membri tal-Korp tal-Pulizija. wara l-quddiesa sar riċeviment uffiċjali mogħti mill-Prof. G. Demarco, Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja li sar fl-Akkademja tal-Pulizija.

Dehra ġenerali tal-kongregazzjoni waqt il-Quddiesa





Forsi ilek ittella' u tnižžel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

LHB **LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel.: 232673, 231412, 224291, 605013.**

ASTRAL

YOKO •CAR STEREOS •AUDIO• T.V.



High Power Car Radio with Autoreverse

◂ AM/FM stereo radio ◂ Digital tuning
◂ Power output 2 x 25 Watt ◂ noise canceller
◂ SDK: traffic decoder ◂ Dolby B system
◂ LCD display ◂ 12 preset stations
◂ Bass/treble control ◂ CD input
◂ Auto search scan ◂ Fader control

EXTRACTABLE

Marina Court, Abate Rigord Str., Ta' Xbiex. Tel: 340562
B'Kara Road, San Gwann. Tel: 315868
'Energy', Republic Str., Valletta. Tel: 228491, 225066

BERK'S
AUTOMOBILE
DEALERS

Proprietors: **CARMEL & SONS**

***CARS BOUGHT, SOLD OR PART EXCHANGE***



38, MSIDA ROAD,
GŻIRA.
Tel.: 332398

# Programm ta' Attivitajiet li saru fl-okkażjoni tal-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta – 12 ta' Lulju – 1814/1989

Personalitajiet distinti waqt il-Konċelebrazzjoni ta' Tifkira





Tifkiriet li ngħataw lil diversi personalitajiet bħala tifkira ta' l-okkażjoni

# Programm ta' Attivitajiet li saru fl-okkażjoni tal-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta – 12 ta' Lulju – 1814/1989

Il-Kummissarju s-Sur Alfred A. Calleja jippreżenta tifkira lil Mons. Arċisqof G. Mercieca





L-Ispettur H.W. Harrison itella' waħda mill-Offerti



L-Ajjutant J.C. Gauci itella' waħda mill-Offerti

**Programm ta' attivitajiet li saru fl-okkażjoni tal-175 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.**

## Il-Ħamis 13 ta' Lulju

Filgħodu tkomplew iż-żjarat lill-morda u anzjani. Bejn is-6 u t-8 p.m. saret open day fl-għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema. Fis-6.30 p.m. sar party għat-tfal tal-membri tal-Korp fil-bitħa ta' l-Akkademja tal-Pulizija.

## Il-Ġimgħa 14 ta' Lulju

Tkomplew iż-żjarat lill-anzjani u l-morda. Fid-Depot saret il-finali tas-Snooker & American Pool competitions li saru għall-membri tal-Korp. Bejn is-6 u t-8 p.m. saret 'open day' fl-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid.

## Is-Sibt 15 ta' Lulju

Filgħaxija ġiet organizzata serata ta' varjeta għall-membri tal-Korp fil-Marsa Sports Club. Għal din is-serata saru l-preżentazzjonijiet tat-trophies lir-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet sportivi li ġew organizzati.

## Il-Ħadd 16 ta' Lulju

Fid-9.30 ta' filgħodu saret quddiesa konċelebrata b'ringrazzjament lil Alla f'egħluq ta' l-attivitajiet tal-175 Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija. Din saret fis-Sala il-ġdida 'Manoel de Vilhena' u ġiet imqaddsa mill-Kappillan tal-Korp. Bejn l-10 u nofs inhar sar 'open day' fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija l-Furjana.



**L-Eċċ. Tiegħu l-President tar-Repubblika ta' Malta, Dr. Ċensu Tabone, flimkien mas-Sinjura tiegħu, waqt il-Quddiesa**



**Il-Kummissarju s-Sur Alfred A. Calleja jippreżenta rigal ta' tifkira lill-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof, biex jintbagħat lill-Qdusija Tiegħu l-Papa**



**Il-Kummissarju s-Sur Alfred A. Calleja jilqa' lill-Eċċ. Tiegħu Mons. G. Mercieca, wieħed mill-mistednin fir-Riċeviment li sar fl-Akkademja tal-Korp tal-Pulizija f'Sant Iermu**

# CLAY PIGEON COMPETITION FOR MEMBERS OF THE MALTA POLICE FORCE

**AS part of the 175th Anniversary of the Malta Police Force, the Police Entertainment Committee and the Police Sports Committee organised various sports activities, one of which was the Clay Pigeon competition for members of the Force only.**

This competition took place on the 20th May, 1989 at the Qormi Shooting range, tal-Ħandaq, Qormi. 31 competitors took part in this competition which were divided into groups of 6.

The Busy Bee Trophy was won by PC 982 Martin Vella 'Z' div. who hit 23 out of 25 clay pigeon. Second placed was PC 512 Martin Ellul GHQ who hit 22 out of 25 after shoot off with PC 36 Pierre Calleja 3rd place, PC 511 Mario Saliba 4th Place and PC 716 Tony Busuttil 5th lace. Last competitor in trophy position was PC 628 W. Sargent 6th place after shoot off with PC 639 Joe Bugeja 7th Place.

The Police Entertainment Committee and the Police Sports Committee would like to thank PC 1349 E. Tabone, organiser and the Committee of the Qormi Shooting Range, who offered the range and helped with the organisation.

Special thanks goes to, Franwin Ent. Clo. Gauci and Sons, George Bartolo, R. Satariano & Sons, Giovanni Schembri Ltd., V.F. Neriku Confectionery, sponsors for this event, who with their help, made this competition a success.

**List of Competitors and Placing**

| Places | Names | Rank | Hits | out of |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Martin Vella | PC 982 | 23 | 25 |
| 2 | Martin Ellul | PC 512 | 22 | 25 |
| 3 | Pierre Calleja | PC 36 | 22 | 25 |
| 4 | Mario Saliba | PC 511 | 22 | 25 |
| 5 | Tony Busuttil | PC 716 | 22 | 25 |
| 6 | Walter Sargent | PC 628 | 21 | 25 |
| 7 | Joe Bugeja | PC 639 | 21 | 25 |
| 8 | Robert Ebejer | PC 880 | 20 | 25 |
| 9 | Ronald Marmara | PC 188 | 20 | 25 |
| 10 | Nazzareno Dimech | PC 1423 | 12 | 25 |
| 11 | Emanuel Tabone | PC 1349 | 19 | 25 |
| 12 | John Privitera | PC 828 | 19 | 25 |
| 13 | Carmel Attard | PC 1568 | 19 | 25 |
| 14 | John Buttigieg | PC 862 | 19 | 25 |
| 15 | Joe Psaila | PC 989 | 19 | 25 |
| 16 | George Mangion | PC 1425 | 18 | 25 |
| 17 | Donald Vassallo | PS 440 | 18 | 25 |
| 18 | Brian Holmes | PS 353 | 18 | 25 |
| 19 | Joseph Camilleri | PC 566 | 17 | 25 |
| 20 | George Micallef | PC 626 | 17 | 25 |
| 21 | Carmel Dingli | PC 49 | 17 | 25 |
| 22 | Mario Bonnici | PC 854 | 17 | 25 |
| 23 | Stephen Vassallo | PC 1045 | 16 | 25 |
| 24 | Leonard Mariani | PC 939 | 16 | 25 |
| 25 | Spiridione Plum | ______ | 15 | 25 |
| 26 | Martin Muscat | PC 1376 | 15 | 25 |
| 27 | George Abela | PC 992 | 14 | 25 |
| 28 | Emanuel Vassallo | PC 444 | 13 | 25 |
| 29 | Anthony Cassar | PC 556 | 12 | 25 |
| 30 | Carmel Caruana | PC 592 | 12 | 25 |
| 31 | Moses Muscat | PC 1564 | 10 | 25 |

MALTA POLICE

**DRUGS**

CRIMEPHONE

**HELP THE POLICE FIGHT DRUG ABUSE**

**If you have any information RING**

**233146/9**

**Leave your message on our 24-hour Service-phone. All information treated as STRICTLY CONFIDENTIAL.**

T.V. AERIALS SERVICE

NONI

10, VALLEY RD., MSIDA

Tel.: 337668

Specialists for:

COLOUR INSTALLATIONS

BOOSTERS ALL KINDS

CAR RADIOS/CASSETTES

HI-FI EQUIPMENT

and

T.V. COLOUR SETS

NONI *VIDEO FILMS RENTALS*

J.B.STORES TEXTILES

CAN OFFER YOU A LARGER SELECTION OF DRAPERY

A NEW COLLECTION OF SUMMER MATERIAL

•COTTON JERSEY PLAIN & PRINTED •COTTON PLAIN & PRINTED •CREPE DE SCENE •POLYESTER COTTON •MEN'S FABRIC •CURTAIN MATERIAL •CARPETS AND A LARGE ASSORTMENT OF FABRIC.

TEXTILES WHOLESALERS & SUPPLIERS OF BED LINEN, CURTAINS, TABLE CLOTHS TO THE HOTEL INDUSTRY

from: J.B. STORES

L-IKLIN ROAD - LIJA.

Tel.: 446918, 497190

fax: 492924

Middle Sea

for all your insurance
requirements

including Life Assurance.



Middle Sea House, Floriana, Malta. Tel. 626262
Rooms 35-38, Lloyd's Avenue, London EC3N, U.K. Tel. 01-265-0768/9

7UP ®

# Il-175 Anniversarju tal-Fondazzjoni tal-Korp tal-Pulizija

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

**Issa li għaddew il-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet li saru biex jiġi mfakkar il-175 Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija wieħed jista' jgħid xi ħaġa fuqhom.**

Kien xieraq li aħna wkoll, l-ex-membri nsemmu leħinna u nieħdu sehem f'dawn il-ġranet ta' festi iddedikati lill-Korp tal-Pulizija. Aħna konxji li għal tant snin servejna u ħdimna biex isem il-Korp żammejnieh b'dik ir-reputazzjoni tajba kemm mal-Maltin u kemm mal-barranin. Ħafna ex-membri kienu lejali lejn il-Korp b'riskju li setgħu jitilfu ħajjithom; dawn dejjem qdew id-dover tagħhom skruplożament. Kien għalhekk f'waqtu li aħna l-ex membri nipparteċipaw fl-attivitajiet li saru f'ġieħ il-Korp.

Kif kien mistenni, il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Alfred Calleja, mill-ewwel ħa ħsieb biex jaħtar Kumitat "ad hoc" mid-diversi sezzjonijiet tal-Korp, kif ukoll mill-Għaqda tagħna (l-ex membri). Bħala Chairman kien hemm l-Ajjutant, is-Suprintendent Joe C. Gauci, li sa ftit żmien ilu kien ukoll wieħed minna, u li flimkien ħdimna biex dawn il-festi jirnexxu.

Wieħed jirrealizza s-sagrifiċċji li kellhom isiru biex jiġi ippreparat programm vast li fil-biċċa kbira tiegħu, għalkemm kien jiddependi mill-membri tal-Korp, min-naħa tagħna, aħna dejjem tajna dak kollu li ġie mitlub minna.

Il-Programm kien fih ħafna attivitajiet sportivi li bdew minn nofs Mejju, 1989, bil-finali tagħhom ikun bejn id-9 u s-16 ta' Lulju. Il-ftuħ tal-ġimgħa iddedikata lill-Korp tal-Pulizija bdiet fid-9 ta' Lulju, 1989, meta sar quddies u funzjoni fuq l-oqbra ta' sħabna mejtin, u li għaliha attendew kemm membri tal-Korp u numru sabiħ ta' ex-membri.

Aktar tard f'dak il-jum, il-Kummissarju fetaħ wirja ta' "hobbies" fil-Kwartieri Ġenerlai tal-Pulizija, li fiha ħadu sehem xi ex-membri tal-Korp.

Il-Kumitat tal-Festi ħa ħsieb li jistieden lil ex-membri biex dawn ukoll jipparteċipaw fid-diversi attivitajiet li ġew organizzati. Għax ngħiduha kif inhi: li tiċċelebra l-175 Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp u ma jiedux parti l-ex-membri – li għal kwart ta' seklu taw l-aħjar tagħhom – inħossu li l-festi li saru ma kienx ikollhom valur.

Min-naħa tagħna, aħna napprezzaw ukoll il-ġest sabiħ li l-Kummissarju, is-Sur Alfred Calleja, fl-egħluq tal-festi, stieden lil ex-membri kollha għal 'reception' fid-Depot. Ħadna pjaċir naraw membri tal-Korp u numru sabiħ ta' ex-membri itħalltu flimkien fil-preżenza tal-Kummissarju u ta' Uffiċjali Għolja tal-Korp.

*F'PAĠNI OĦRA:*


☐Korrispondenza .......... 18
☐Intervista ma' Ex-Surġent George Tabone .......... 19/20
☐Messaġġ mill-President ta' l-Għaqda
☐Tifkiriet .......... 20

Korrispondenza

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

Mr. Laurie Muscat,
Malta Pensions Association,
Floriana, Malta.

M. Calleja,
Secretary,
Ex. Members of the Malta
Police Force,
6 Danaher Ave,
WALLAN, 3756
VICTORIA, AUSTRALIA
October 10, 1988

Dear Mr. Muscat,

I am pleased to inform you that after a meeting of ex. members of the Malta Police Force, held at 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052 on the 4th October, 1988 an association has been formed.

Mr. P. Grech who is currently visiting Victoria was at the meeting and has informed the members that he will liaise with the association on his return to Malta.

During our second meeting a few members have confirmed that certain entitlements have not been honoured by the Maltese Government and in some cases members have been waiting up to 2 years before any pension if any is paid out.

I on behalf of any member of the association will be putting their case forward so we can resolve their problems which have been going on for too long.

I trust we have your support in this and I look forward to hear from you in the near future.

M. CALLEJA
Secretary

Mr. M. Calleja,
Secretary,
Ex-Members of the Malta Police Force Association,
6, Danaher Avenue,
WALLAN, 3756,
VICTORIA, AUSTRALIA.

Dear Mr. Calleja,

Please refer to your letter of the 10th ultimo, informing our Association with the recent formation of an Association of Ex-Members of the Malta Police Force in Australia.

I would like to make it clear in the first instance that our Association is definitely not a Trade Union body or has some connection with any Police Federation, but merely a Philanthropic Society, principally set up to assist, in every possible way, those adult **pensioners** who are members of our Association, particularly those who may unfortunately either be recovered in State or Church Institutions caring for the sick and the aged, or those who happen to be bed-ridden or confined indoors through infirmity.

Our Association's other aims are to provide suitable entertainment and organise social functions for Police pensioners and their families, and to look after their welfare. We do not enter into disputes with Government on any claim but we merely take the opportunity, whenever the need arises, to bring to the notice of the Authorities concerned, certain matters affecting our Members, either collectively or individually, with a view to finding a just solution to their problems.

It would be interesting to know who are those ex-members of the Malta Police Force whose pension has been withheld for no known reason. If you can furnish more details, I may be in a position to take up the matter personally with the Officer i/c Pensions at the Treasury, and will let you know the outcome, in due course.

Whilst wishing the best of everything to the newly-formed Association of ex-Members of the Malta Police Force, I send my warmest regards to you, and remain.

Yours faithfully,

LORRY MUSCAT
President

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

## INTERVISTA MA' L-EX-SURĠENT

# GEORGE TABONE

**Għall-ewwel darba minn kemm ilhom isiru dawn l-intervisti ma' pulizija pensjonanti, l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti marret fil-gżira ħelwa ta' Għawdex biex tagħmel sensiela ta' intervisti ma' wħud mill-pensjonanti Għawdxin. Dan għamlitu sabiex tieħu sehem fl-attivitajiet fl-okkażjoni tal-175 Anniversarju tal-Fondazzjoni tal-Korp tal-Pulizija.**

Għalhekk, fil-5 ta' Lulju, 1989, il-President ta' l-Għaqda Lorry Muscat, flimkien mal-Viċi President Joe M. Borg u mas-Segretarju Finanzjarju Vincent Zahra, li wkoll f'din l-okkażjoni kienu akkumpanjati mis-Surġent Nru. 649 Mario Saliba, Segretarju tal-Malta Police Association, iltaqgħu ma' l-ex-Surġent Nru. 578 George Tabone, li llum għandu 78 sena, u li joqgħod Nru. 57/58 Charity Street, Victoria, Gozo.

Mistoqsi jgħid xi ħaġa dwar il-ħajja tiegħu qabel ma daħal fil-Korp tal-Pulizija, George qalilna li huwa kien jgħin lil missieru fit-tmexxija ta' forn (bakery), iżda malli għalaq it-18-il-sena, għal ħabta tas-sena 1929 iddeċieda li japplika biex jidħol bħala Kuntistabbli, u fil-fatt fl-1 ta' Awissu ta' dik is-sena irnexxielu jidħol fil-Korp bħala Rekluta fi żmien il-Kummissarju Salvu Galea u l-Ajjutant J.R. Ullo. George kompla jgħid li għamel sitt xhur kors id-Depot l-antik tal-Belt, fejn illum hemm il-Mediterranean Congress Centre, u xi taħriġ mas-C.I.D. u fuq il-Beat, il-Belt, sakemm ġie stazzjonat il-Water Police District.

### FIX-XATT TAL-BELT

Domanda: **"Kemm domt stazzjonat Malta, u x'tifkiriet għandek tal-Water Police?"**

Tweġiba: "Fid-Distrett tal-Water domt xi sitt snin għax difatti ġejt trasferit Għawdex fl-1935. Meta wieħed ikun stazzjonat id-Dwana, partikolarment f'dawk is-snin, it-tifkiriet prinċipali kienu jkunu l-ġrajjiet ta' kuljum bl-inċidenti u bil-ġlied mal-baħrin Ingliżi. Il-Port il-Kbir kien ikun mimli bastimenti tal-Gwerra



GEORGE TABONE

tal-Flotta Ingliża, u x-Xatt kien ikun l-aktar post bieżel bil-baħrin ġejjin u sejrin. L-inkwiet kien jibda l-aktar għal ħabta ta' l-10 p.m. jew meta jkunu se jagħlqu l-ħwienet tax-Xorb. Sakemm kien ikollhom flus fuqhom, il-baħrin rari jaqilgħu 'trouble', imma meta jiġu 'broke' u ma jibqagħlhomx x'jonfqu, dawn ma jkunux iridu jħallsu la għax-xorb, la għal kiri tal-karozzin u lanqas għad-dgħajsa biex twassalhom lura fuq il-bastiment tagħhom li kien ikun ankrat f'nofs il-Port, u allura hawn tidħol il-Pulizija, jibda l-ġlied u mhux l-ewwel darba li xi baħri jew tnejn kienu jsibu ruħhom il-baħar!"

Domanda: **"Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) inti diġà kont stazzjonat Għawdex; kellek xi xogħol speċjali dik il-ħabta?"**

Tweġiba: "Fi żmien l-aħħar Gwerra, is-Sur Victor Pace tad-Dipartiment tad-Dwana, kien irrakkomandani biex nagħmel "special duty" mar-Regional protection Officer f'Għawdex. Kont ngħin billi nagħmlu tfittxija f'ċerti mħażen sabiex niżguraw li ma jkunx hemm ħabi ("hoarding") ta' oġġetti essenzjali ta' l-ikel, u biex jiġi mrażżan il-"Black Market. Kont ngħin ukoll fit-tqassim tar-Ration, l-ikel priservat".

Domanda: **"Jgħidu li kien hemm xi żmien meta f'Malta kien hawn skartezza ta' qamħ u dan kien jiġi suplixxit minn Għawdex. Taf xi ħaġa dwar dan?"**

Tweġiba: "Ġewwa Għawdex kien hawn xi magni antiki li jitħnu l-qamħ u kienu riedu xi tiswijiet u manutenzjoni sabiex ikunu jistgħu jaħdmu sewwa. Niftakar li kienu ġabu xi Ingliż biex jieħu ħsiebhom u meta irranġawhom bdew jieħdu xi "samples" tad-dqiq u ġara li kulħadd ried minnu għax kien tajjeb ħafna, iżda kien impossibbli li tforni ż-żewġ Gżejjer minnhom."

Domanda: **"Tiftakar b'xi inċident tal-Gwerra?"**

Tweġiba: "Ħdejn il-Knisja tal-Kappuċċini, fi triq ta' Marsalforn, kienu waqgħu żewġ bombi ta' l-għaddu; meta l-Pulizija ġew infurmati u sakemm konna qed nieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa, dawn inzertaw "time-bombs" u splodew waħda wara l-oħra, iżda b'xorti tajba ma weġġa' ħadd."

Domanda: **"Wara li spiċċajt mis-servizz, ħdimt xi mkien ieħor?"**

Tweġiba: "Fit-23 ta' Mejju, 1955, irtirajt bil-pensjoni; wara xi sitt xhur, applikajt biex naħdem ma' Barclays Bank kif ukoll applikajt għal xi post mal-Kumpanija tar-Rediffusion. Il-Bank ma rnexxilix għax riedu nies żgħażagħ, mentri jien ġejt magħżul għal mar-Rediffusion u ġejt impjegat bħala Kollettur. Għamilt xi jumejn taħriġ f'Malta, ma' wieħed li nzerta kien Kollettur, ċertu Pace, mill-Ħamrun, ex-Pulizija, imbagħad bdejt ix-xogħol regolari f'Għawdex, u wa-

## *Messaġġ mill-President ta' l-Għaqda*

# FIDUĊJA GĦALL-FUTUR

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

**Filwaqt li aħna wkoll nifirħu ma' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija u ma' kull min għen biex fl-aħħar inkiseb riżultat hekk sabiħ li jagħti ġieħ lil Korp, li bih mhux biss se jgawdu l-membri tal-Korp iżda anke xi ex-membri. Aħna min-naħa tagħna ilna għal dawn l-aħħar snin inressqu ilmenti u nitolbu biex meta membru jirtira mis-servizz fl-età ta' taħt il-55 sena u jaħdem, il-pensjoni tas-servizz joħodha kollha bla tnaqqis.**

It-12 ta' Lulju, 1989 ġurnata dedikata lil Korp tal-Pulizija, laħqet l-aqwa tagħha meta l-Onor. Ministru, il-Profs Gwido de Marco ħabbar li l-membri tal-korp jistgħu jirtiraw mis-servizz bil-pensjoni wara li jservu għall-25 sena fil-korp; ħabbar ukoll li dawk il-membri li jirtiraw mis-servizz u ma jkunux laħqu l-età ta' 55 sena u jsibu xogħol ieħor aktar ħafif il-pensjoni ma tiġix imnaqqsa. Għalhekk nieħdu din l-opportunità biex aħna wkoll l-ex membri inroddu ħajr lill-Gvern li waħda mit-talbiet li kellna pendenti u li għal dawn l-aħħar snin irċevejna ħafna lmenti fuqha minn min hu milqut; issa ġiet milqugħa.

Aħna fiduċjużi li lmenti oħra li għadhom pendenti b'mod speċjali dawk l-ex-membri li rtiraw qabel il-15 ta' Jannar, 1979, kategorija ta' pensjonanti li ma jistgħux jibbenefikaw mill-Iskema taż-żewġ terzi. Fil-fehma tagħna dawn l-aktar li qegħdin ibatu għaliex il-pensjoni tagħhom hija baxxa ħafna u żgur ma tlaħħaqx mal-bżonnijiet tal-lum: barra minn dan il-pensjoni hija iffriżata u per-konsegwenza ma tistax tiżdied; anke hekk issir reviżjoni fuq is-salarju tal-lum dan ma jistax japplika għalihom peress li l-pensjoni tiġi ikkalkulata fuq bażi ta' l-aħjar tliet snin fl-aħħar 10 snin. Ir-raġuni hija li irtiraw snin ilu meta l-pagi kienu għadhom baxxi; illum jekk tqis li matul dawn l-aħħar snin il-pagi kemm avvanzaw, issib li dawn il-pensjonanti li irtiraw bil-pensjoni taż-żewġ terzi tas-salarju li kellhom, paragunati ma' tal-lum mhix aktar minn kwart tal-pensjoni attwali.

Oriġinarjament ir-relattività tal-pensjoni kellha tinżamm mas-salarju tal-lum skond ir-rank li kellhom qabel ma rtiraw mis-servizz iżda minħabba l-'freeze' fuq il-pensjoni dan l-iskop ma ntlaħaqx; Fil-fehma tagħna r-relattività tal-pensjoni għandha tkun relatata ma' l-aħħar rank li kellhom qabel ma rtiraw mis-servizz vis-a-vis il-pensjoni preżenti ta' dak ir-rank. Dawn il-kategoriji ta' pensjonanti għandhom jiġu mogħtija attenzjoni fuq il-mertu tagħhom għall ġid tal-pensjonant.

Għal darb'oħra nirringrazzjaw lill-Gvern. Ringrazzjament imur għall-Onor. Ministru l-Profs. Gwido Demarco għall-attenzjoni u l-għajnuna li ta, biex l-ilment rigward it-tnaqqis mill-pensjoni, jiġi milqugħ u solvut.

***Lorry Muscat***
President

## *Intervista ma' ex-Surġent*

# GEORGE TABONE

qaft għal kollox meta kelli 65 sena, fl-1975."

Domanda: **"Liema tara l-aħjar żmien fil-Korp tal-Pulizija?"**

Tweġiba: "L-aħjar żmien għalija kien meta kont il-Water Police District; kont għadni żagħżugħ u dik iċ-ċerta attività ma kont issibha mkien; ix-xogħol kien jonqos għal ftit ġranet meta l-Flotta kienet toħroġ għal eżerċizzi navali."

Domanda: **"Tixtieq isselli għal xi ħbieb antiki?"**

Tweġiba: "Hafna mill-ħbieb antiki illum m'għadhomx magħna: il-Maġġur Balzan, Bonello, Wolly Caruana, u oħrajn, Alla jaħfrilhom."

Domanda: **"X'passatemp għandek?"**

Tweġiba: "Jiena nħobb wisq il-kaċċa għal fniek bin-nemes u l-għawm."

**L-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti ittemm din l-ewwel intervista tagħha ma' ex-membru tal-Korp Għawdxi ġewwa l-Gżira ta' Tliet Għoljiet, billi tawgura lil ex-Surġent George Tabone ħajja twila u feliċi, u issellimlu.**

**L-Għaqda tixtieq tirringrazzja lill-Asst. Kumm. Paul Attard, lill-Ajjutant Joe C. Gauci u lis-Suprintendent Salvu Galea tal-faċilitajiet li offrew sabiex din is-sensiela ta' intervisti jirnexxu.**

### MUTUAL HELP ASSOCIATION

**Dawn il-Membri sħabna ħallew dan il-wied tad-dmugħ matul ix-xhur li għaddew biex daħlu fis-Saltna tas-Sema. Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem.**



**P.C. 436**
**J. FALZON**



**P.C. 95**
**J. XUEREB**

# WIRJA KBIRA MIS-'SILENT DRILL' TEAM



**•Fl-okkażjoni tal-175 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija, saret defile u parata nhar l-Erbgħa 12 ta' Lulju li kienet segwita minn folla kbira li kontinwament espremiet is-sodisfazzjon tagħha għal dak kollu li bdiet issegwi, permezz ta' ċapċip ta' approvazzjoni.**

**It-team tas-Silent Drill waqt il-wirja f'Misraħ il-Palazz fit-12 ta' Lulju 1989**

Preżenti kien hemm l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż, immexxija mill-President tar-Repubblika ta' Malta Ċensu Tabone u s-Sinjura tiegħu, li segwew b'interess kbir dak kollu li ġie provdut waqt is-Silent Drill li fih ħadu sehem 20 kuntistabbli, 4 surġenti mmexxija mill-Ispettur Harold W. Harrison.

Waqt ksiet perfett, u akkumpanjati mill-banda tal-Forzi Armati ta' Malta, li daqqet marċi militari, il-kontinġent tas-Silent Drill għal kważi nofs siegħa sħiħa beda jagħmel formazzjonijiet spettakolari u stupendi, b'perfezzjoni liema bħalha.

Qabel ma sar dan is-Silent Drill saret defile li bdiet minn ħdejn Kristu Re l-Furjana. Fiha pparteċipaw diversi taqsimiet tal-Korp fosthom tal-muturi tat-traffiku, tal-motor transport bi 12-il vettura ġodda fjamanti, tal-fire brigade, tal-klieb, mounted section u li Special Assignment Group (S.A.G.) bil-vetturi tagħhom. Tul id-defile, il-kontinġenti li ħadu sehem ġew applawdati mill-pubbliku preżenti.

Għal darba oħra kienet okkażjoni oħra fejn rajna lill-Pulizija u l-Poplu qrib ħafna ta' xulxin.

## *It-team tas-'Silent Drill' f'Għawdex*

**It-Team tas-'Silent Drill', taħt id-direzzjoni ta' l-Ispettur H.W. Harrison, fi Pjazza San Franġisk, Għawdex, waqt wirja li t-team ta fl-okkażjoni tal-175 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija**



# PAĠNA TA' L-ENTERTAINMENT COMMITTEE



Il-Viċi Prim Ministru, Ministru ta' l-Intern u Gustizzja, il-Profs. Guido Demarco jagħmel diskors ta' l-okkażjoni waqt il-Bar-B-Q

**•Bħalma ġie mħabbar fuq il-programm ta' attivitajiet li ħareġ fl-okkażjoni tal-175 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, l-Entertainment Committee tal-Korp kellu l-inkarigu li jorganizza żewġ attivitajiet ta' divertiment, waħda għat-tfal u l-oħra għall-kbar.**

Għall-ewwel darba ġie organizzat party għat-tfal tal-membri tal-Korp li sar nhar il-Ħamis 13 ta' Lulju 1989 ġewwa l-bitħa ta' l-Akkademja tal-Pulizija, St. Elmo. Madwar 500 mitt tifel u tifla ta' età bejn 5 sa 12-il sena attendew għal dan il-party li ġew divertiti, minn Kris Attard magician il-grupp Delfini Ferrieħa. Mużika ġiet provduta minn Snoop Disco. Għal din l-okkażjoni ġew ukoll mogħtija xi spot prizes lit-tfal preżenti.

Għall-175 Anniversarju minn meta twieled il-Korp, l-Entertainment Committee ħaseb biex jorganizza serata ta' verjetà bil-kbir li saret nhar



Il-Kummissarju s-Sur Alfred A. Calleja jaqsam il-cake ta' l-okkażjoni waqt il-Bar-B-Q



Il-cake kommemorattiv f'idejn membri tal-Korp tal-Pulizija

# PAĠNA TA' L-ENTERTAINMENT COMMITTEE



Il-Kummissarju s-Sur Alfred A. Calleja jippreżenta rigal lil W.P.C. 45 Marisa Bartolo



Dehra ġenerali waqt il-Bar-B-Q bi sfond ta' logħob tan-nar.

is-Sibt 15 ta' Lulju 1989 fil-Marsa Sport Club. Ħadu sehem fost oħrajn kantanti u żeffiena magħrufa Maltin u l-Police Musical Group allegraw lil erba' mitt membru tal-Korp u familjari tagħhom li attendew għal din is-serata. F'din is-serata saru wkoll il-preżentazzjonijiet lir-rebbieħa tal-Kompetizzjonijiet Sportivi li ġew organizzati għall-membri tal-Korp fl-okkażjoni ta' dawn il-festi.

Preżenti kien hemm il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja l-Prof. G. Demarco u s-Sinjura tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja u s-Sinjura tiegħu, u ċ-chairman tal-Kumitat maħtur għall-festi tal-175 anniversarju s-Superintendent J.C. Gauci u s-Sinjura tiegħu. Saru wkoll diskorsi ta' l-okkażjoni kemm mill-Ministru kif ukoll mill-Kummissarju.



Trophies li tqassmu lil diversi membri tal-Korp li ħadu sehem f'kompetizzjonijiet diversi, fl-okkażjoni tal-175 sena mit-twaqqif tal-Korp

# FL-OKKAŻJONI TAL-175 SENA MIT-TWAQQIF TAL-KORP TAL-PULIZIJA

(Omelija waqt quddiesa fil-Katidral ta' Għawdex nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju 1989

– Arcid. Giovanni B. Gauci)

**•Kien ħsieb tassew tajjeb tagħkom – membri tal-Korp tal-Pulizija mmexxijin mis-superjuri tagħkom – li fost l-attivitajiet programmati biex tfakkru l-175 sena mit-twaqqif tal-Korp tagħkom tinżamm ukoll din iċ-ċelebrazzjoni reliġjuża. Intom ġejtu dal-għodu f'dan il-Katidral biex tirringrazzja 'l Alla għal tant beneficċji li Hu sawwab fuqkom u sabiex titolbuh l-għajnuna Tiegħu u li jkun Hu li jmexxikom u Hu li jipproteġikom. U f'dan kollu, aħna nissieħbu magħkom b'qalbna kollha.**

Huma ċittadini għaqlin dawk li jħabirku u jagħtu s-sehem tagħhom ħalli l-familja l-kbira tagħhom stess – jiġifieri n-Nazzjon tagħhom – tkun waħda li "tinkoraġġixxi sens interjuri tal-ġustizzja, ta' l-imħabba, u tas-servizz tal-ġid komuni" (Gaudium et spes, 73). Għaliex in-Nazzjon, jiġifieri l-familja l-kbira tagħna lkoll, trid tgħix fil-paċi, għandha bżonn li tgħix fil-paċi – u għalhekk trid taħdem u anki tbati biex tgħix fil-paċi. U mingħajr ġustizzja, mingħajr imħabba, mingħajr is-sens ta' dmir għal servizz komuni b'risq kulħadd – mingħajr dawn il-ħwejjeġ li qegħdin insemmu ma jistax ikun hemm is-sliem fi ħdan il-familja l-kbira tan-Nazzjon.

Iżda mhux iċ-ċittadini kollha huma għaqlin, mhux kollha jwettqu d-dmir morali tagħhom għas-servizz tal-paċi fl-istess pajjiż tagħhom. Ma jonqsux dawk li jpoġġu lilhom infushom qabel kulħadd, anki meta dan ifisser li huma jkasbru lill-oħrajn; ma jonqsux dawk li jpoġġu lilhom infushom fuq kulħadd, anki meta dan jista' jġib tkissir tal-paċi fuq skala mifruxa sewwa fi ħdan il-pajjiż fejn huma stess jgħixu. Għal xi wħud jeżistu biss id-drittijiet tagħhom bla ma jħabblu xejn moħħhom fuq id-dmirijiet li għandhom u r-rispett dovut għall-veri drittijiet ta' l-oħrajn.

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni tiegħu dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum (Gaudium et spes) li aħna diġà kkwotajna, jgħid: "Biex il-ħidma responsabbli taċ-ċittadini flimkien ikollha riżultati tajbin fil-ħajja ta' kuljum tal-pajjiż, jeħtieġ ordinament ġuridiku pożittiv li fih ikun stabbilit taqsim xieraq tax-xogħlijiet u ta' l-organi ta' l-awtorità pubblika, kif ukoll difiża effikaċi u indipendenti tal-jeddijiet. Il-jeddijiet tal-persuni, tal-familji u tal-gruppi kollha, u l-eżerċizzju tagħhom, għandhom ikunu magħrufin, imħarsin u mmexxija 'l quddiem flimkien mad-dmirijiet li jorbtu ċ-ċittadini kollha" (Gaudium et spes, 75).

U f'dan li qegħdin ngħidu tidħol ukoll il-ħidma tagħkom għall-ħarsien ta' dawn il-jeddijiet lill-persuni, lill-familji, lill-gruppi – liċ-ċittadini kollha, bla distinzjoni u bla aġir diskriminatorju. Intom protetturi ta' dawn il-veri jeddijiet u dmirkom hu li, b'kuxjenza retta u skond liġijiet għaqlin, twaqqfu lil dawk li ma jimpurtahom xejn mit-tkasbir ta' l-oħrajn u jaslu forsi wkoll li jiżirgħu ħsarat b'dannu li jista' jinfirex ħafna.

Ħidma tagħkom, imwettqa bil-għaqal kollu, hija kontribuzzjoni l-aktar siewja għall-paċi, dik il-paċi mfissra mill-Iskrittura bħala "xogħol is-sewwa" (Is. 32, 17). Mela s-servizz tagħkom lil Art Twelidna għandu tabilħaqq ikun "xogħol is-sewwa".

L-Appostlu Missierna fl-Ittra tiegħu lill-Galatin, li silta mill-istess Ittra nqrat fit-tieni lezzjoni ta' din il-quddiesa, jitkellem mill-ħelsien, mil-libertà li għaliha ġejna msejħin bis-saħħa ta' Kristu (Gal. 5, 13).

Iżda l-bniedem, minn natura dgħajfa tiegħu, jasal li jara t-tajjeb, jagħraf li huwa tajjeb u madankollu, mhux rari li flok it-tajjeb jagħmel il-ħażin. Difatti, l-istess Appostlu Pawlu hekk kiteb lir-Rumani: "M'inhix nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx. Inħoss din il-liġi ġewwa fija: meta rrid nagħmel it-tajjeb, ifeġġ quddiemi l-ħażin" (Rum. 7, 19-21). U intom, u magħkom aħna wkoll, ilkoll nistgħu niġu mirbuħa biex flok dak li huwa sewwa nagħmlu dak li huwa ħażin. Però jeħtieġ li nkunu nies ta' fidi, ma naqtgħux qalbna mid-dgħufija tagħna għax lilna wkoll intqalu dawk il-kelmiet ta' l-Iskrittura Mqaddsa: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi, għax is-setgħa tiegħi tidher kollha fin-nuqqas ta' saħħa" (2 Kor. 12, 9).

Liema żball kbir ikun dak tagħna jekk inħarsu lejn il-liġi ta' Kristu u t-tagħlim tiegħu bħala theddida għal-libertà tagħna! Fi Kristu u f'tagħlimu jeħtieġ li naraw it-triq tal-vera libertà li flimkien mad-don tal-paċi huma rigal kbir li l-Missier tana bl-offerta ta' Ibnu.

Il-libertà għalina l-Insara trid tiġi mifhuma fit-twettieq ta' dak il-kmandament il-kbir, il-kmandament ta' l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu tagħna kollu. Għax jekk titwarrab il-liġi divina tal-karità, qalilna l-istess Appostlu Pawlu x'jista' jiġrilna: "...jekk tigdmu u tieklu lil xulxin, araw li ma tintemmux minn xulxin" (Gal. 5, 15).

Ħuti – noqogħdu ferm attenti li ma nilagħbux bil-liġi mqaddsa tal-Vanġelu; ferm attenti li ma nħallux lilna nfusna niġu ngannati b'tagħlim ieħor oppost għal dak tal-Vanġela u kif jitwassal lilna mill-Knisja Appostolika ta' Alla. Jekk niżgarraw fit-twemmin tagħna, allura xejn ma jista' jeħlisna minn tant pjagi, bħalma huma dawk tal-permissiviżmu bla limiti, tal-konsumiżmu sfrenat, tad-diviżjonijiet interni, tal-kritika distruttiva minn kulħadd u kontra kollox u kulħadd, mill-pjaga tal-vjolenza.

Niftħu għajnejna sewwa, niftħu għajnejna uliedna

□ikompli f'paġna 27

*175th Anniversary of the Malta Police Force*

# BIRD SHOW AT POLICE HEADQUARTERS

**BY P.C. 110 Martin Bayliss**



Trophies which were given to the winners

**On the 27th and 28th May, 1989, for the first time in the history of the Police Force, a "BIRD SHOW" was organized at the Police General Headquarters, as one of the activities to commemorate the 175th Anniversary of the Malta Police Force, which was due on the 12th July, 1989.**



Display of Silver Eared Mensia and Pekin Robins



Display of Gold Finches

The "BIRD SHOW" was officially opened to the members of the Force and the general public by Superintendent Joseph C. Gauci, being the Chairman of the 175th Anniversary Committee. The show was officially opened on the 27th May, 1989 at 1.00 p.m. after the judging had been completed by Mr Charles Carbonaro of Ħamrun, whom the Force wishes to thank for rendering his services to come and judge the 130 exhibits that participated.

Twenty five members of the Force participated in the show all producing a range of high quality birds, which varied in a total of twenty seven different species.

The birds where divided into five sections, as shown hereunder:-

**SECTION A – CANARIES**

Common Canaries
Coloured Canaries
Type Canaries

**SECTION B – EUROPEAN**

Greenfinch
Goldfinch
Serinfinch
Siskin
Linnet
Brambling
Chaffinch
Bunting

**SECTION C – FOREIGN**

Pekin Robin
Silver Eared Mensia
Red Billed Weaver
Java Sparrow
Green Singing Finch
Diamond Dove

**SECTION D – ROUND BEAK**

Peached faced Love Bird
Amazon Parrot
Budgie
Cockatiel
Fisher's Love Bird

**SECTION E – OTHER VARIETIES**

Quail
Glossy Starling
Song Thrush
Blackbird
Perniċi

The Best-in-Show Panta Lesco Challenge trophy was won by W.P.C. 45 Maria Theresa Bartolo with an Amazon Parrot, whilst the runner-up Best-in-Show Gatt Brothers trophy was

# BIRD SHOW AT POLICE HEADQUARTERS

won by P.C. 110 Martin Bayliss with a Greenfinch.

The Class A Best-in-Section Andrews Feeds trophy was won by P.C. 1043 Frank Pace with a Red Argate Canary.

The Class B Best-in-Section Carini Stores trophy was won by P.C. 110 Martin Bayliss with a Greenfinch.

The Class C Best-in-Section S. Borg Cardona trophy was won by P.C. 901 Emaneul Bugeja with a Java Sparrow.

The Class D Best-in-Section Evergreen Pet Shop trophy was won by P.C. 405 Joseph Camilleri with a Pye Cockateil.

The Class E Best-in-Section K.P.P. Ltd., trophy was won by W.P.C. 45 Maria Theresa Bartolo with a Quail.



**Display of Table Show**



**Peacock – one of the exhibits in the Show**

Further to the above, the following trophies and vouchers were also won in their respective sections as listed hereunder:-

1st Prize – Perniċi – PC 901 Emanuel Bugeja.
1st Prize – Pekin Robin – PC 110 Martin Bayliss.
1st Prize – Weaver – WPC 45 Maria Theresa Bartolo.
1st Prize – Java Sparrow – PC 901 Emanuel Bugeja.
1st Prize – Golden Sparrow – PC 110 Martin Bayliss.
1st Prize – Black Headed Nun – PC 11 Martin Bayliss.
1st Prize – Quail – WPC 45 Maria Theresa Bartolo.
1st Prize – Song Thrush – WPC 45 Maria Theresa Bartolo.
1st Prize – Diamond Dove – PC 110 Martin Bayliss.
1st Prize – Budgie – PC 1029 Alfred Spiteri.
1st Prize – Greenfinch – PC 110 Martin Bayliss.
1st Prize – Love Bird – PC 1029 Alfred Spiteri.
1st Prize – Goldfinch – Insp. Joseph Valletta.
1st Prize – Chaffinch – PC 110 Martin Bayliss.
1st Prize – Cockateil – PC 405 Joseph Camilleri.
1st Prize – Canary – PC 1043 Frank Pace.
2nd Prize – Java Sparrow – PC 110 Martin Bayliss.
2nd Prize – Golden Sparrow – PC 110 Martin Bayliss.
2nd Prize – Quail – WPC 45 Maria Theresa Bartolo.
2nd Prize – Budgie – PC 1029 Alfred Spiteri.
2nd Prize – Greenfinch – Insp. Joseph Valletta.
2nd Prize – Love Bird – WPC 45 Maria Theresa Bartolo.
2nd Prize – Chaffinch – PC 110 Martin Bayliss.
2nd Prize – Cockateil – PC 405 Joseph Camilleri.
2nd Prize – Budgie – PC 1029 Alfred Spiteri.
2nd Prize – Canary – PC 1084 Joseph Vassallo.
2nd Prize – Canary – PC 901 Emanuel Bugeja.
3rd Prize – Java Sparrow – PC 1127 Frank Bonello.
3rd Prize – Golden Sparrow – PC 110 Martin Bayliss.
3rd Prize – Quail – WPC – 45 Maria Theresa Bartolo.
3rd Prize – Budgie – WPC – 45 Maria Theresa Bartolo.
3rd Prize – Greenfinch – Mr Emanuel Caruana (ORC).
3rd Prize – Love Bird – PC 1029 Alfred Spiteri.
3rd Prize – Cockateil – WPC 45 Maria Theresa Bartolo.
3rd Prize – Canary – Insp. Ronald Cilia.
3rd Prize – Canary – WPC 122 Caroline Micallef.
3rd Prize – Goldfinch – PS 884 Alex Azzopardi.
Petmate Lm10 – Canary (voucher) – PC 1043 Frank Pace.
Petmate Lm10 – Greenfinch (voucher) – PC Martin Bayliss.
Petmate Lm10 – Quail (voucher) – WPC 45 Maria Theresa Bartolo.
Petmate Lm10 – Java Sparrow (voucher) – PC 901 Emanuel Bugeja.
Petmate Lm6 – Serinfinch (voucher) – PS 884 Alex Azzopardi.
Petmate Lm6 – Green Singing Finch (voucher) – PC 960 Joseph Scerri.
Petmate Lm6 – Ekora (voucher) – PS 884 Alex Azzpardi.

Petmate Lm6 – Canary (voucher) – PC 1084 Joseph Vassallo.
Petmate Lm3 – Bunting (voucher) – PC 901 Emanuel Bugeja.
Petmate Lm3 – Cockateil (voucher) – PC 405 Joseph Camilleri.

Petmate Lm3 – Linnet (voucher) – PS 884 Alex Azzopardi.
Petmate Lm3 – Cockateil (voucher) – PC 405 Joseph Camilleri.
The Galdes & Mamo Most Points/Exhibits Trophy was won by PC 110 Martin Bayliss.

The 175th Anniversary Committee wishes to thank all the exhibitors that participated in the "BIRD SHOW", the organizers and everyone who directly and indirectly gave a heling hand.

Special thanks go to the undermentioned donators for their sponsorship:

Panta Lesco Ltd; Panta Lesco Int. Ltd; Panta Computers; Andrews Feeds; K.P.H. Ltd; Galdes & Mamo Ltd.; Thompson Travel; Borg Cardona Ltd; Carini Stores; Evergreen Pet Shop; Pet Mate Pet Shop; Orchid Pet Shop; Gatt Bros. Ltd.

**N.B. – As from the September/October issue an article entitled "Our Feathered Friends", regarding a survey of World Birds is to be published.**



Display of amazon Parrot which also won the Best-In-Show



Display of Black Hooded Nuns



Display of Chaffinch

# L-OMELIJA FIL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX

☐ikompli minn paġna 24

biex ebda agħlim qarrieqi ma jwarrbilna minn qalbna l-Vanġelu: għax fis-soċjetà tal-lum inqas jonqsu l-ilħna ta' dawk li jippriedkaw li Kristu għamel żmienu, meta wkoll – kif kien qal il-Papa Luciani – uħud ma jippretendux li Alla nnifsu għandu jitlob mingħand il-bnedmin maħfra għall-iżbalji tiegħu! (Castello Nello, **Cosi' Parlo'... Papa Luciani,** edit. 'Il Carroccio', Padova, 1978, p. 162).

Fl-aħħarnett, jidhirli li nkun qiegħed nonqos jekk ma nsemmix l-għajnuna li intom ġustament tippretendu minn għandna fil-qadi ta' dmirijietkom bħala "xogħol is-sewwa". Din l-għajnuna tagħna lilkom trid tiġi murija fir-rispett tagħna lejn il-Korp tagħkom, fit-talb tagħna għalikom, fil-kollaborazzjoni tagħna ma' "xogħol is-sewwa" tagħkom. Għaliex aħna nifhmu li x-xogħol tagħkom huwa ferm delikat, hija ħidma mhux faċli u bosta drabi wkoll msieħba minn riskji għall-istes ħajja tagħkom. Ċerti sitwazzjonijiet li għalihom intom il-Pulizija tkunu esposti fis-servizz tagħkom, dawn mhux biss jirrendu aktar iebes ix-xogħol tagħkom... iżda żgur ukoll li joħolqu preokkupazzjoni anki fl-istess familja personali tagħkom: l-għeżież tagħkom ikunu jbatu magħhom, ikunu jbatu għalikom ukoll!

Għalhekk inkomplu dmirna lejkom, dmirna anki ta' Nsara: nitolbu għalikom 'l Alla. Ikun il-Mulej Alla dak li jmexxi l-ħidma tagħkom biex din tkun ħidma mwettqa b'kuxjenza retta, kuxjenza li ma tibżax tirrispondini għall-għemil tagħha – anqas quddiem dak l-Imħallef li d-deċiżjonijiet tiegħu ma huma suġġetti għall-ebda appell u li s-setgħa tiegħu fuq kulħadd ma tiddependi minn ebda vot tal-bnedmin.

Minn qalbi, nitlob: Ikun Alla li jmexxikom, ikun Alla li jgħinkom, ikun alla li jipproteġikom biex tagħtu l-aħjar servizz bħala 'xogħol is-sewwa" liċ-ċittadini kollha, lin-nies kollha li jgħixu fil-maħbuba Art Twelidna.

**175th Anniversary of the Malta Police Force**

# SPORTS ACTIVITIES

**•On the occasion of the 175th Anniversary of the Malta Police Force, the Police Sport Committee together with the Police Entertainment Committee organized various sports activities for members of the Force such as Darts, Snooker and American Pool. These competitions took place at the Police Headquarters between April 24th up to Saturday 8th July.**

•Darts Competition was won by P.C. 811 V. Busuttil who won against P.S. 673 J. Mallia in the final 4-0, third place P.C. 855 A. Camenzuli won against 4th place P.C. 512 M. Ellul 4-3. About 60 competitors took part.



**P.C. 512 M. Ellul, who ended 4th place and P.C. 855 A. Camenzuli, who finished 3rd place, in the Darts competition.**



**P.C. 811 V. Busuttil (left) who won the Darts Competition and P.S. 673 J. Mallia, who finished runner-up.**

•Snooker Competition was won by P.C. 222 J. Camilleri who in the final match won against P.C. 511 M. Saliba 4-2. In the 3rd and 4th place P.S. 570 J. Cilia beat P.C. 1347 D. Casha 4-1.



**P.C. 4 J.M. Ellul during the Snooker Competition.**



**P.C. 511 M. Saliba, on the point of playing, watched by P.S. J. Pisani, two competitors who took part in the snooker competition.**

•In the American Pool competition P.C. 828 J. Privitera beat P.C. 36 P. Calleja in the final competition 4-3 in a beautiful match. 3rd place P.C. 522 C. Balzan won against 4th place P.S. 1145 N. Mizzi 4-2.

•Another competition organized for these activities was a netball competition for women Police Constables who formed up two teams and played at the Marsa Sports Club.

Trophies for these competitions were presented to the finalists on Saturday the 15th July at a Bar-B-Q evening.

# Stop spending, start investing.



*UNIX is a trademark of AT & T Bell Laboratories

When you buy a Tower computer, you're investing in the widest coherent range of processing systems available.

By coherent we mean compatible. So, even if you move from the smallest up to the largest (from 2 to 512 users, from 1BM to 48MB of memory, from 46MB to 5500 MB – 5.5GB – of disc storage) you never have to rewrite your software.

Tower allows you to communicate with the widest range of available hardware via standard communication protocols. This, together with UNIX* System V.2, shows NCR's longstanding commitment to industry standards.

Every Tower incorporates as standard the unique Power Fail Memory Back-Up Battery feature.

And, while we're setting new standards of technology, our reputation for service and support goes before us.

What's more, NCR is an established, successful company with a secure future.

And what better protection for your investment could there be?

*Get in touch.*

NCR

**PHILIP TOLEDO LIMITED**

Notabile Road, Mriehel.

Tel: 491525, 445566, 444747.

Fax: 231312.




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101. ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 225287-607707

# OUTLINES OF POSTAL HISTORY

**☐ As a British Crown Colony, the Maltese Islands could not emulate Britain's Postal Service as originated by Sir Rowland Hill, in 1814.**

***by Lorry Muscat***
**President – Għaqda Pensjonanti Pulizija**

**Before the introduction of the adhesive stamps in Malta, a number of handstamps were used to mark mail for delivery in the Maltese Islands. It is understood that the earliest known hand stamp carrying the name of the Island originated in Marseilles Post Office in 1755. All incoming mail from Malta bore a stamp 'DE MALTHE' and later on 'MARSEILLES' was added to the hand stamps.**

During the period 1807 – 1849 there were two completely separate administrations running in the Islands' Postal Services. One dealt with only overseas Mail, while the other was different organisation which catered only for inland mail, the latter making use of couriers for the delivery of letters.

It was very primitive and disorganised, so much so that the Government, the Church and the local merchants all had their own separate arrangements for delivery of important correspondence. In 1849, both administrations were united under the jurisdiction of Mr. Bouchier who was the Collector of Customs.

1857 was an eventful year in Malta's Postal History, as it was in that year that the first adhesive stamps were introduced. Overseas mail was consequently franked with Great Britain stamps and cancelled at




first by the 'M' and later by the 'A 25' in all their different shapes and sizes. Their use became compulsory in Malta on the 1st March, 1858.

In 1860, Malta's first stamp valued ½d. and used for local purposes came into existence. This was the famous Malta Half penny Yellow Stamp which remained in existence up to 1885, when the first Malta definitive issue which as might be expected was used both for local and overseas correspondence. Following Malta's adherence to the Universal Postal Union, the Queen Victoria Yellow's were discontinued and a new set ranging in value from ½d. to 5s0d. conforming to U.P.U. Regulations was issued.

It was only in 1899, that the portrait of Queen Victoria was replaced in certain value by pictorial designs showing Malta's Grand Harbour, a sailing boat and the shipwreck of St. Paul, which stamps are very popular to this date.




Stamps with the Queen Victoria's portrait were replaced by those of King Edward durint his short reign of nine years.

With the accession of King George V a new series of stamps issued in 1914 portrayed again the face of the Monarch.



In 1921, a set commemorating the grant of the first Malta 'Self Government' was issued. Then following the issue of both commemorative and definitives stamps according to circumstances.

Then followed the Coronation set of 1937 and the first Georgian definitive, which later was overprinted 'Self-Government 1947'. By this time, sets were issued rather frequently in comparison with previous ones. The death of King George VI and the accession of his daughter Elizabeth necessitated the issue of new stamps for the occasion.

The years 1956-57, witnessed the first Elizabethan definitive series showing the Island's Heritage such as the magnificent churches and famous monuments.




With granting of Independence from Britain on 21st September, 1964, Historical stamps were issued in 1965 showing the progress made in our Island.

Malta became a Republic on 13th December, 1974 and the year 1975 saw the first set of 3 stamps of Malta as a Republic. Thus started the era of the Republic's interesting stamps.

On 31st March, 1979, the Military Facilities Agreement with the United Kingdom ended; therefore a new set of six stamps was issued for this occasion.

28th January, 1989, issues a set of six stamps to mark the 25th Anniversary of the Independence of Malta.



# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI



*MILL-ISPETTUR RAYMOND G. ZAMMIT*

**Għal darb'oħra, kif aħna ħbieb? Nispera li bħal drabi oħra tinsabu tajbin kif ukoll preparati iżjed minn qatt qabel biex b'hekk inkunu nistgħu nkomplu fejn ħallejna.**

Fl-aħħar sensiela li għaddejtilkom għafast ħafna fuq it-taħriġ għas-saqajn. Dan għamiltu, naturalment biex b'hekk wieħed ikun qiegħed jiġi ppreparat aħjar għat-taħriġ fis-sensiela l-oħra, cioè dik ta' l-'Unarmed Combat'. Għal din is-sensiela sejjer ngħaddilkom ftit eżerċizzi fiżiċi oħra, iżda daqsxejn iżjed ta' strapazz, biss mhux li wieħed jaqta' qalbu.

L-ewwel eżerċizzju għal din il-ħarġa huwa dak li nsibuh bħala **'SHOULDER STRETCH'**.



12

Dan l-eżerċizzju huwa ħafif iżda jagħmel ħafna ġid lil ispallejn. Dan isir billi wieħed jitfa' jdejh it-tnejn wara l-għonq. Wara, pala ta' id waħda, aqbdu l-minkeb ta' l-id l-oħra u wara għafsu 'l isfel kemm tistgħu. Fl-istess ħin iġbduha 'l ġewwa wkoll. Wara wieħed għandu jipprova bl-id l-oħra.

Minn dawn wieħed għandu jipprova jagħmel (5 sets x 10 reps). Biex ngħinkom agħtu titwila lejn Fig 12.

It-tieni eżerċizzju huwa dak li nsejħulu **'FULL CIRCLE LEG RAISE'**.

Dan l-eżerċizzju jsir billi wieħed joqgħod mimdud minn tulu fl-art, ipoġġi id waħda stirata 'l fuq mistrieħa ma' l-art, u l-oħra milwija mill-minkeb li jserrah fejn il-wiċċ bil-pala tagħmel saħħa ma' l-art. Issa, l-eżerċizzju sejjer jagħmel xogħol mill-qgħadt 'l isfel.

Nibdew billi nserħu saqajna fuq xulxin, bis-sieq ta' fuq stirata kemm nistgħu, nibdew noħorġuha 'l barra maqtugħa ftit 'il fuq mill-art, noħorġuha 'l barra kemm nistgħu, u wara li niġu bejn wieħed u ieħor angolu ta' 90% nibdew ngħollu l-istess sieq 'il fuq kemm nistgħu.

Infakkar illi x'ħin niġu għal dan il-manuvrar jaf jinħass xi daqsxejn ta' wġiegħ fil-'Hips' iżda żgur li m'għandux għalfejn jaqtagħlna qalbna li nkomplu. Mela, wara li s-sieq tkun 'il fuq kemm nistgħu, nerġgħu nibdew inniżlu bil-mod u nerġgħu nirrepetu l-istess manuvra. Infakkar li meta wieħed ikun qiegħed joħroġ is-sieq biex jibda s-**'CIRCLE'** il-pala ta' l-istess sieq għandha tkun dejjem stirata 'l ġewwa u li ma niċċaqalqux mill-pożizzjoni li nkunu ħadna speċjalment ta' l-idejn. Minn dan l-eżerċizzju wieħed għandu jipprova jagħmel (3 sets x 10 reps) u biex jgħinkom ħarsu lejn Fig 12a.

Eżerċizzju ieħor huwa dak li nsejħulu **'HIP EXTENSION'**. Dan l-eżerċizzju jgħin ħafna biex wieħed ineħħi l-'fats' li jitrabba mad-dawra tal-qgħadt, kif ukoll biex is-sieq tkun flessibbli biżżejjed u ġogi aktar b'saħħithom. Dan l-eżerċizzju li huwa sempliċi ħafna, isir billi wieħed:- wara li joqgħod dritt fuq saqajh it-tnejn, jgħolli sieq



12a

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

waħda li jaqbadha b'idejh it-tnejn minn taħt l-irkoppa.

Wara li żżomm bilanċ kemm tista' ipprova għolli l-irkoppa iżjed 'il fuq u fl-istess ħin iġbidha 'l ġewwa. Wara. naturalment meta wieħed iniżżilha, wieħed għandu jipprova bis-sieq l-oħra. Ma rridx ninsa ngħidilkom, illi waqt li nkunu qegħdin nagħmlu dan l-eżerċizzju, kemm meta nkunu qegħdin intellgħu s-sieq 'il fuq u kemm meta nkunu sejrin inniżluha, nagħmlu dan b'attenzjoni kbira għax faċli li wieħed iweġġa' għax jistgħu jinqagħtu xi 'legaments' jew xi 'tissues'. Minn dawn wieħed għandu jipprova jagħmel (4 sets x 5 reps). Biex ngħinkom ħarsu lejn Fig 12b.



12b

Ir-raba' eżerċizzju għal din id-darba, huwa dak li nsejħulu **'NECK PUSH DOWN'.** Dan l-eżerċizzju wieħed għandu jittrenjah bil-għaqal u bil-mod kemm jista' jkun. Dan isir billi wieħed jitħarreġ juża' forza fl-għonq speċjalment f'**'HEAD LOCKS'** kemm meta jiġi sorpriż u kemm jekk le. Dan isir billi wieħed jitfa' jdejh it-tnejn, pala fuq oħra wara l-għonq u meta r-ras tkun għadha dritta. Wara bil-mod inniżlu r-ras kemm nistgħu 'l isfel. Issa meta niġu biex ngħollu r-ras lura, nagħmlu forza b'idejna li ma nħallux jekk jista' jkun li r-ras titla', fis-sens li ġiet forza kontra forza. Jekk naraw li hemm forza kbira wieħed għandu jċedi daqsxejn lilu nnifsu basta ma jkunx hemm 'free exercise' iżżejjed. Minn dawn ippruvaw għamlu (5 sets x 5 reps) agħtu titwila lejn Fig 12c.

Il-ħames u l-aħħar eżerċizzju għal din il-ħarġa, u nibqgħu dejjem fuq l-għonq, huwa dak li nsejħulu **'HEAD PUSH UP'.** Dan l-eżerċizzju jixbaħ ħafna lil dak ta' qablu, u kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li npoġġu l-pali ta' idejna t-tnejn taħt il-geddum, u wara li nkunu relaxed sewwa b'rasna kemmxejn 'l isfel, ippruvaw għollu r-ras billi tagħmlu saħħa b'idejkom u itfugħha lura kemm tistgħu. Minnaħa l-oħra r-ras trid tkun miżmuma soda biex b'hekk l-istess tiġi saħħa kontra saħħa. Minn dawn wieħed għandu jipprova jagħmel (5 sets x 10 reps) Fig. 12d.

Ħbieb naħseb li għal din il-ħarġa għaddejtilkom biżżejjed eżerċizzi, biss nixtieq infakkar biex wieħed joqgħod iktar attent f'dak li huwa ikel, ħelu kif ukoll ix-xorb. Barra minn hekk, għalkemm qegħdin fil-ġranet tas-sajf u wieħed forsi jkun qiegħed bil-vaganzi, ma nitraskurawx l-eżerċizzi li issa nemmen li kulħadd dara' jagħmel xi ħaġa.

**Nota:** Nota oħra hija għal dawk li ilhom ma jagħmlu l-vista għand it-tabib u jaraw jekk hux kollox sew. Jekk ilkom ma tagħmlu din il-vista, fittxu agħmluha u żommu record għal darb'oħra.

Naħseb li issa kulħadd dara lilu nnifsu u jaf f'liema kategorija hu, speċjalment f'dik li hija fiżika. Nemmen wkoll li wara dawn l-eżerċizzi kollha, ħafna huma dawk li dan kollu rawmuh magħhom u għamlu xi ħaġa ta' rutina li mingħajra ma jgħaddux. Għalhekk fil-waqt li nawgura lil dawk kollha li jaqgħu taħt din il-kategorija, lill-oħrajn nagħmlulhom kuraġġ biex flimkien inkomplu nitgħallmu b'aktar eżerċizzi.

Filwaqt li nappella lil dawk kollha li jiltaqgħu ma' xi diffikultajiet waqt it-taħriġ tagħhom, kif ukoll kif ukoll dwar xi 'physical advise' ma jiddejqux biex jikkontatjawni, biex kemm jien u kemm sħabi li għandi miegħi instructors inkunu nistgħu ngħinuhom. Niltaqgħu darb'oħra.

Saħħa.



12c/d



Invitations
Certificates ...



Jobbing - Computer &
Business Stationery ...



Stickers - Tags
Computer labels ...



T-Shirts - Textiles
Advertising Gifts ...



Book - Magazines
Brochures - Menus ...

**A family business with the specialist expertise and production facilities to provide a totally complete dedicated service where printing and design is concerned**

# DORMAX
PRESS COMPANY LIMITED

PRINTING + DESIGN
& RELATED SERVICES

NEW STR., off CANNON RD
QORMI MALTA
TELEPHONE: 441570 - 446195
TELEX: 1915 CALLSO MW
TELEFAX: 441092

# MEDCOR
## RADIATORS LIMITED
Żebbuġ - Malta

Replacement Cores
and Complete Radiators





RADIATOR HOUSE, NOTABILE ROAD, ŻEBBUĠ
Tel: 644647 Telex: 1643 MICDEB MW

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone

# SELF DEFENCE
## – UNARMED COMBAT

Mill-Ispettur
R.G. ZAMMIT

*(Sensiela Nru. 3)*

**Li tkun taf xogħlok hija xi ħaġa sabiħa u ta' min japprezza. Li tagħmel xogħlok mill-qalb hija isbaħ. Li tikber f'ambjent sportiv u trawwem miegħek dik ix-xi ħaġa li tista' taqdik waqt id-doveri tiegħek hija xi ħaġa li trid tistudja u teħodha b'serjetà u dedikazzjoni kbira.**

Wara li fis-sensiela l-oħra rajna kif wieħed għandu jibda, hekk kif jirfes f'xi sala jew gymnasium biex jitħarreġ dan l-isport, din id-darba rridu nagħtu titwila kif wieħed għandu jaqa' meta jiġi mwaqqa', jdur meta jkollu bżonn eċċ. Dan naturalment irridu nagħmluh issa, u hawn jaqbel kulħadd miegħi, qabel ma wieħed jaqbad u jibda jinstabat jew isib ruħu msabbat ma' l-art. Hawn min jistaqsi u jgħidlek, "Imma meta tinstabat fuq it-tapiti li qegħdin nipprattikaw fuqhom, differenza kbira għal meta wieħed isib ruħu fuq l-art." Ir-risposta hija sempliċi ħafna u għandha tkun 'IVA'. Iżda wieħed għandu jġib quddiem għajnejh illi meta wieħed jagħmel ċertu żmien jipprattika fuq it-tapiti, kull ħaġa li tiġi prattikata, trid wara tiġi ripetuta u prattikata mill-ġdid u bl-istess mod fuq l-art iebsa. Magħhom wieħed jista' jgħid ukoll, li mhux biss jiġu prattikati fuq l-art iebsa, iżda anke l-ħwejjeġ jinbidlu għal diversi modi u ma jibqgħux jintlibsu dawk milbusa ġewwa gym. Per eżempju, jekk wieħed fil-gym, joqgħod ħafi u bil-kymono suit biss, fuq l-art irid ikun liebes ħwejjeġ normali, ħwejjeġ tax-xogħol, ħwejjeġ puliti eċċ, għax b'hekk tkun qiegħed tipprepara ruħek aħjar għal kull okkażjoni li tista' ssib ruħek fiha.

Ħaġ'oħra interessanti hija, li kull ħaġa li nitgħallmu rridu nispjegawa biċċa biċċa u bil-mod, biex b'hekk kull moviment li nagħmlu nagħmluh tajjeb u b'teknika tajba wkoll, u mhux għax nagħmlu l-oġġett u jidher f'għajnejna jew f'għajnejn ħaddieħor li qegħdin nagħmlu tajjeb u allura nserħu rasna li kollox miexi sew.

Mela niġu għall-ewwel moviment. u nibdew mill-ewwel nitħarrġu l-Break Falls jew aħjar kif taqa': – Dan naturalment isir bil-mod għall-ewwel, u min pożizzjoni ta' min tulna fl-art, b'daharna u saqajna maqtugħin ftit mill-art u għalissa nużaw l-id il-leminija. Ngħollu din ta' l-aħħar 'il fuq bil-pala miftuħa u bis-swaba ma' xulxin wara kemm għandna saħħa nsabtu mat-tapiti u ħdejn ġenb l-istonku tagħna. Fl-istess waqt li nkunu qegħdin nagħmlu dan wieħed għandu jiġġenneb ftit għal fuq ġenbu,



4

b'saqajh ftit miftuħin u l-id l-oħra soda biżżejjed qisha serjin jilqgħu xi daqqa. (fig. 4).

Issa wara dan kollu jekk wieħed joqgħod jistudja x'għamel isib u jistaqsi:- Għala sar dan? Faċli u wieħed malajr isib dan li ġej. Naturalment, meta xi ħadd ikun sejjer jaqa', l-ewwel ma jagħmel huwa li jiftaħ dirgħajh awtomatikament anke jekk ma jkunx ħasibha minn qabel. Dan isir biex b'hekk il-waqa' jilqagħha b'dirgħajh l-ewwel. Għedtilkom anke jekk ma jkunx ħasibha minn qabel, xorta waħda jagħmel dan, għar-raġuni, illi min ma jafx u jekk wieħed ikun studja l-'Physiology' isib li l-bniedem iġorr żewġ kwalitajiet ta' muskoli fejn insibu dawk li jissejħu 'volontarji' u dawk li jissejħu 'involontarji'. Dawn ta' l-aħħar huma barra minn 'conscious control' ta' l-individwu, jew aħjar fejn wieħed ma jridx joqgħod jaħseb fihom. Eżempju ieħor huwa, meta tieħu nifs ma tridx toqgħod taħseb biex tieħu nifs jew aħjar l-ippumpjar li tkun qegħda tagħmel kontinwament il-qalb.

Dawk volontarji huma dawk l-oppost ta' l-oħrajn fejn insibu per eżempju, jekk wieħed sejjer jimxi, jew sejjer jikteb u oħrajn dawn kollha


BREWED & BOTTLED BY
SIMONDS FARSONS CISK LTD
MRIEHEL MALTA
CISK
1980
1980
LAGER
...a taste
of success.


Agents, stockists & distributors
for Domestic...
& Industrial equipment
ECS
E. CALLEJA & SONS Ltd.
Electrical & Water Fittings Suppliers
241 MSIDA STR., B'KARA 7 FLEUR-DE-LYS RD., B'KARA -TEL: 499426 - 440341/2

# SELF DEFENCE

## – UNARMED COMBAT

għandhom il-'conscious control'.

Mela billi wieħed fetaħ ideh meta jiġi biex jaqa', anke minn ftit għoli waqt dan-it-taħriġ, isib li l-id u l-kumplament tal-ġisem messew l-art fl-istess ħin, u b'hekk ġie evitat li bniedem waqa' l-ewwel fuq l-id. Jekk jiġri dan li wieħed jitgħallem jaqa' l-ewwel fuq l-id, żgur li huwa ħażin għax meta l-id tmur l-ewwel ma' l-art u barra minn hekk għandha l-piż ta' l-individwu kif ukoll bil-qawwa ta' l-istess waqa', wieħed ikun qiegħed jipperikola li jġarrab ksur kemm fl-ispalla, fil-minkeb kif ukoll fil-polz. (fig 4a).



4a. (Ħażin)

X'ġara iżjed f'dik il-manuvra li għamilna. L-id mat-tisbita tfajniha mmedjatament ħdejn l-istonku, għar-raġuni li niżlet dritta kollha kemm hi mingħajr biża' li nagħmlu xi ksur. Barra minn hekk, ma ninsewx li qegħdin nippreparaw għal ġejjieni, ġejna f'pożizzjoni illi meta nġarrbu xi waqa' u niġu tajjeb, inkunu rridu nqumu mill-ewwel u fi ftit sekondi biex b'hekk nerġgħu nsibu ruħna mill-ġdid fuq saqajna u lesti għal xi attakk ieħor.

Barra minn hekk jekk nidraw li l-id tmissilna u tkun miftuħa ħafna l-barra meta niġu mwaqqa', faċli li nsofru xi ksur speċjalment mill-ispalla, kif ukoll



4b. (Tajjeb)

tkun qiegħed tgħin l-attakkant biex ikompli jkabrek għax minn dik il-pożizzjoni jkun jista' jagħmillek aktar ħsara kif ukoll aktar 'locks'. (Fig. 4B).

Ħaġ'oħra li seħħet kienet illi żammejna l-id li kienet merħija fuq sidirna u li kienet għal lest biex tilqa' għal kull daqqa oħra li nistgħu nsofru mingħand l-attakkant, kif ukol li poġġejna saqajna sewwa, waħda biex nilqgħu wkoll għal xi attakk kontinwu, kif ukoll illi tista' tiġina tajba wkoll u jirnexxielna b'teknika oħra li ngħaddilkom aktar 'il quddiem, li nagħmlu 'lock' lill-attakkant u b'hekk din id-darba jkun huwa li jsofri l-waqa'. (Fig. 4 vleġġa).

Ħaġ'oħra li ġrat ukoll u li wieħed żgur ma ħasibx dwarha kienet, li meta waqajna, ir-ras żammejniha soda tajjeb u qagħdna attenti li ma mmissuhiex ma' l-art meta ġejna mwaqqa', kif ukoll l-aktar ħaġa importanti hija li ma waqajniex b'daharna ċatt ma' l-art. B'hekk skansajna li nweġġgħu s-sinsla ta' daharna meta waqajna ftit laġenba.

Meta għamilna dan kollu, wieħed għandu jagħmel kollox il-kontra u jibda jaqa' jew aħjar jipprova jaqa' fuq in-naħa l-oħra. ((Fig. 4 vleġġa)

Issa ħbieb, meta wieħed tgħallem it-teknika sewwa, u dan għamilnih kollu kemm hu minn pożizzjoni fl-art, wieħed issa jrid jaħseb biex jibda jitgħallem jaqa' meta jkun bil-wieqfa kif ukoll meta jiġi mwaqqa'.

Minn pożizzjoni bil-wieqfa kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li juża u jżomm dak kollu li għadu kif tgħallem bi ftit attenzjoni jintlewa ftit minn saqajh tkun liema tkun u skond fejn liema naħa jiddeċiedi li jaqa', is-sieq l-oħra jgħolliha ftit 'il fuq mill-art u b'saħħa qawwija jagħmel il-'break fall'. Meta wieħed jaqa', kunu ċerti li ġejtu f'pożizzjoni sewwa u ħaffu tiru minn fuq it-tapiti għal pożizzjoni li kontu fiha qabel. Niftehmu, tistennewx riżultati tajbin mill-ewwel. Għadni nġib quddiem għajnejja nies jitfixklu f'saqajhom stess. Biex ngħinkom ħarsu lejn (Fig. 4B – individwali) u (Fig. 4C – mhux individwali).

Għal din id-darba nippruvaw nitgħallmu din sewwa, u fil-waqt li nkomplu b'aktar teknika f'sensiela oħra, ngħaddu issa għal xi ħaġ'oħra ġdida f'dak li huwa UNARMED COMBAT.



4c (individwali)



4c (mhux individwali)

# SELF DEFENCE

## – UNARMED COMBAT

Fl-aħħar sensiela spjegajna u rajna kif wieħed għandu jilqa' u joħroġ minn ċertu 'locks' li jinqabad fihom.

Din id-darba sejrin naraw kif nilqgħu daqqiet b'oġġetti iebsa u bil-ponta bħal lembubi, ħadid, skieken, eċċ.

Meta xi ħadd jiġi sorpriż minn xi ħadd kemm qabel, kif ukoll waqt xi ġlieda u l-attakkant ikun sejer juża, per eżempju, sikkina, kull ma wieħed għandu jagħmel huwa dan:-

a) l-ewwel m'għandek tagħmel huwa li tara x'inhu l-oġġett li l-attakkant sejjer juża kontrik;

b) toqgħod attent sewwa u tara l-oġġett f'liema id qiegħed;

ċ) toqogħdux tħarsu b'għajnejkom fissi fuq l-imsemmi oġġett, iżda ppruvaw ħarsu ftit f'għajnejn l-attakkant;

d) dejjem ħudu pożizzjoni angolata, biex b'hekk inkunu qegħdin innaqqsu ħafna mit-target li l-attakkant jista' juża;

e) kunu ċerti mija fil-mija li jekk sejrin tattakkaw kemm jista' jkun kunu ċerti li sejrin tagħmlu manuvra tajba;

f) żommu f'moħħkom li l-aħjar ħin li wieħed għandu jattakka huwa proprju meta l-attakkant ikun se jibda jagħmel il-manuvra tiegħu u mhux meta l-manuvra tkun twettqet aktar minn nofsha.

Iżda hawn wieħed jerġa' jieqaf naqra u jistaqsi, "Iżda kif tattakka"?

Tajjeb. Jekk wieħed jiġi attakkat kif diġà għedna iżjed 'il fuq, cioe se tiġi attakkat b'sikkina, l-ewwel ma wieħed għandu jagħmel huwa li fi ftit sekondi jieħu pożizzjoni (a), b'ħeffa oħra jridu jinħadmu (a) (b) (ċ) u nkunu ċerti minn pożizzjoni (d).

Issa wara dan kollu noħorġu l-id ix-xellugija u bil-polz tagħna nagħtu daqqa soda u b'teknika tajba fuq il-ġewwieni tal-polz ta' l-attakkant. (hawn tistgħu tkunu ffortunati li twaqqgħu l-arma minn idejn l-attakkant mill-ewwel). Wara daħħal l-id il-leminija minn taħt dirgħajn l-attakkant, bil-pala ta' l-istess id, aqbad il-pala ta' l-id ix-xellugija, u f'manuvra waħda ilwi lura b'saħħa. Ma ninsewx illi meta nkunu qegħdin nagħmlu din il-manuvra wieħed għandu joqgħod sod kemm jista' jkun fuq saqajh biex b'hekk ma nitilfux il-bilanċ. Wara li tkunu għamiltu dan kollu, żgur li toħorġu fuq in-naħa rebbieħa u tkun faċli għalikom li tarrestaw jew aħjar iżżommu l-attakkant.

Biex ngħinkom ħarsu lejn: (Fig 9 – pożizzjoni angolata); (Fig 9a – pożizzjoni ta' l-id); (Fig 9b – pożizzjoni kompluta).

Infakkarkom li dak kollu li għamilna f'din il-manuvra u ġiet intużata sikkina, jista' jsir ukoll meta jiġu wżati oġġetti oħra kif diġà għedtilkom aktar 'il quddiem.



9 (pożizzjoni angolata)



9a (pożizzjoni ta' l-id)



9b (pożizzjoni kompluta)

**NOTA:** Nixtieq ngħidilkom, illi jekk meta xi ħadd jipprattika xi ħaġa minn dawn, għalissa wieħed aħjar ma jużax skieken, għar-raġuni illi xi ħaġa tista' tmur ħażin u jkun hemm xi inċident. Kif diġà spjegajna, dawn huma affarijiet ta' paċenzja, ta' prattika u dixxiplina kbira.

Wara li tkunu prattikati tajjeb tkunu tistgħu tużaw armi kemm tridu. Qiegħed ngħid dan kollu, għax naf u ċert illi ħafna individwi u pulizija li nkun qiegħed ngħallem, ikunu tant 'għajjurin' għas-suġġett biex jitgħallmuh li kultant jiġru bl-idejat u ma tantx nakkwistaw riżultati tajbin.

Għal din il-ħarġa naħseb li biżżejjed. Niltaqgħu darb'oħra, grazzi u saħħa.


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome.

# This book tells only part of the story




Mid-Med Bank provides an ever increasing range of banking services, assisting the individual whatever his needs may be.

Whatever your business or occupation, there's a Mid-Med Bank service that can help you.

Get the full story from any of our 44 branches and offices in Malta and Gozo.

**Mid-Med Bank**
Malta's Largest Bank.